# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 7**

**Ċitazzjoni numru 1218/2002/1 JA**

**Citadel Insurance plc (C-21550)**

**v.**

**Shield Services Limited (C-23079), u Mark u martu Michelle Randon**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar: (i) appell imressaq mill-konvenuti, ċjoè l-kumpanija Shield Services Limited, flimkien mal-konjuġi Randon, kif ukoll, (ii) appell inċidentali mressaq mis-soċjetà attriċi Citadel Insurance plc, kontra s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2018.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2002, is-soċjetà attriċi fissret illi l-kumpanija konvenuta Shield Services Limited kienet sub-aġent tagħha għal diversi snin, fejn din tal-aħħar ħarġet diversi poloz ta' assikurazzjoni f'isem il-kumpanija attriċi. Jingħad illi Shield Services Limited għandha tagħti lill-kumpanija attriċi s-somma ta' LM75,561.26 u dan mis-somma globali ta' LM96,941.68, liema somma hija magħmula minn: (i) LM58,147.63 (bħala bilanċ rimanenti mis-somma ta' €79,528.05 għaliex il-konvenuti jew min minnhom kienu ġa ħallsu s-somma ta' LM21,380.42), rappreżentanti prezz ta' diversi *premiums* fuq poloz u boll relattivi wara t-tnaqqis tal-kummissjonijiet, mibjugħa minn Shield Services Limited f'isem Citadel Insurance plc u (ii) LM17,413.63 rappreżentanti rifużjoni ta' kummissjonijiet fuq il-poloz ta' assikurazzjoni maħruġa, liema kummissjonijiet is-soċjetà konvenuta ma kellhiex dritt iżżomm peress li naqset mill-obbligi tagħha.

3. Jingħad illi l-konvenuti Randon, jew min minnhom, abbużivament, illegalment u frawdolentament użaw għall-iskopijiet tagħhom il-fondi li kienu dovuti lil Shield Services Limited, b'hekk skont is-soċjetà attriċi huma solidalment responsabbli għall-ħlas fl-ammont bilanċjali dovut kif spjegat iktar 'il fuq. Fid-dawl ta' dan, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, naqsu li jħallsu lis-soċjetà attriċi l-prezz ta' diversi premiums fuq il-poloz ta' assikurazzjoni u boll relattiv kif qabel spjegat;*

*2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi tagħha u għalhekk tilfet kull dritt għall-kummissjonijiet lilha kieku dovuti;*

*3. Tillikwida l-ammont bilanċjali dovut lis-soċjetà attriċi flammont globali ta' ħamsa u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (LM75,561.26c0) jew ammont verjuri li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, peress li ġja' tħallas akkont l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf tliet mija u tmenin lira u tnejn u erbgħin ċenteżmu (LM21,380.42c0), u dana in kwantu għal:*

*(i) disgħa u sebgħin elf ħames mija u tmienja u għoxrin lira u ħames ċenteżmi (LM79,528.05,0) rappreżentanti prezz ta' diversi premiums fuq il-poloz u boll relattiv imħallas mis-soċjetà attriċi (wara li jitnaqqsu lkummissjonijiet) maħruġa mis-soċjetà attriċi kif fuq spjegat fiż-żmien li l-istess soċjetà konvenuta kienet is-sub-aġent tas-soċjetà attriċi, skont Statement Dok 'A', liema premiums tħallsu lill-konvenuti, jew min minnhom, iżda dawn naqsu li jħallsuhom lis-soċjetà attriċi u approprjaw ruħhom minnhom,*

*(ii) sbatax-il elf erba' mija u tlettax-il lira u tlieta u sittin ċenteżmu (LM17,413.63c0) rifużjoni ta' kummissjonijiet li tħallsu lil-soċjetà konvenuta fuq ilpoloz ta' assikurazzjoni maħruġa kif qabel imsemmi, skont l-istess Statement Dok 'A';*

*4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti Mark u Michelle Randon aġixxew abbużivament, illegalment u frawdolentement u għaldaqstant rrendew ruħhom personalment responsabbli għall-ħlas tal-ammont bilanċjali ta' Lm75,561.26,0 fuq imsemmi jew ammont ieħor verjuri li jiġi likwidat minn dina l-Qorti fit-tielet talba dovut lis-soċjetà attriċi;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm75,561.26,0 jew ammont ieħor verjuri kif likwidat skont ittielet talba, dovuta għar-raġunijiet fuq indikati;*

*Bl-imgħax mid-data ta' kull invoice relattiv sal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Lulju 2002 tal-kontro-protest tad-9 ta' Lulju 2002 u tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni."*

4. Il-konvenuti ġew notifikati bir-rikors promotur nhar l-ewwel seduta tas-16 ta' Ġunju, 2003. Huma ressqu r-risposta ġuramentata tagħhom

nhar it-30 ta' Ġunju, 2003, fejn saħqu illi l-pretensjonijiet u t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bil-konsegwenza li għandhom jiġu miċħuda. Magħdud ma' dan u fl-istess waqt, il-konvenuti użaw il-fakoltà tal-kontro-talba fejn fissru illi kemm is-soċjetà konvenuta kif ukoll il-konjuġi Randon f'isimhom proprju huma kredituri tas-soċjetà attriċi. Għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi rikonvenuta hija debitriċi tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' Lm4,469.49, rappreżentanti kummissjonijiet kif ukoll rifużjoni ta' claims illi tħallsu mis-soċjetà konvenuta.*
>
> *2. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi rikonvenuta hija debitriċi tal-konvenuti Mark u Michelle konjuġi Randon, fis-somma ta' Lm1,313.85 ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni.*
>
> *3. Tordna lis-soċjetà attriċi rikonvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' Lm4,469.49.*
>
> *4. Tordna lis-soċjetà attriċi rikonvenuta sabiex tħallas lill-konvenuti Mark u Michelle konjuġi Randon is-somma ta' Lm1,313.85 – kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*
>
> *Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi rikonvenuta li minn issa tibqa' nġunta għas-subizzjoni tagħha."*

5. Is-soċjetà attriċi ppreżentat ir-risposta maħlufa tagħha għall-kontro-talba tal-konvenuti nhar it-18 ta' Lulju, 2003, fejn saħqet illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda. Magħdud ma' dan eċċepiet illi t-talba tal-konvenuti konjuġi Randon ma għandha l-ebda konnessjoni mat-talba tas-soċjetà attriċi, bil-konsegwenza li din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi tali talba kemm fir-rigward ta' valur kif ukoll bħala ġurisdizzjoni.

6. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2018, l-Ewwel Qorti

ddeċediet il-kawża tal-kumpanija attriċi, billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħat it-talbiet tal-kumpanija attriċi b'dana illi ddikjarat illi l-kumpanija Shield Services Limted naqset milli tħallas lil Citadel Insurance plc il-prezz ta' diversi *premiums* fuq poloz ta' assikurazzjoni u boll relattiv fis-somma ta' Lm57,547.12, u b'konsegwenza ta' dan il-kumpanija konvenuta tilfet id-dritt għal dawk il-kummissjonijiet fuq dawk il-*premiums* mhux imħallsa tant li s-somma ta' Lm12,600.64 f'kummissjonijiet għandhom jintraddu lura. L-Ewwel Qorti sabet lill-konvenuti Randon personalment responsabbli u b'hekk flimkien ma' Shield Services Limited ġew ikkundannati jħallsu lil Citadel Insurance plc s-somma gobali ta' Lm70,147.76, ekwivalenti għal €163,400.33. Fir-rigward tal-kontro-talba, l-Ewwel Qorti laqgħat it-talbiet tal-konvenuti u ddikjarat li Citadel Insurance plc hija debitriċi ta' Shield Services Limited fis-somma ta' Lm2,000 ekwivalenti għal €4,660 u Lm1,313.85 ekwivalenti għal €3,969.45, u dan rigward kummissjonijiet dovuti lil Shield Services Limted u lill-konvenuti Randon rispettivament.

7. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

"***Sfond tal-kawża u fatti li taw lok għall-vertenza odjerna:***

*Is-soċjetà konvenuta kienet sotto-aġenzija tas-soċjetà attriċi:*

*Illi s-soċjetà attriċi Citadel Insurance hija soċjetà tal-assikurazzjoni. Is-soċjetà konvenuta Shield Services Ltd, immexxija mill-konvenut Mark Randon[1], u li tagħha hu u martu Michelle huma azzjonisti, ġiet inkorporata fis-sena 1998 u ġiet liċenzjata mill-Malta Financial Services Authority (MFSA) sabiex taġixxi bħala sotto-aġent tas-*

[1] Fix-xhieda tiegħu tal-24.04.2013, Mark Randon ikkonferma li rriżenja minn direttur fl-14 ta' Ottubru 2010.

*soċjetà attriċi.*

*Ix-xogħol tas-soċjetà konvenuta bħala sotto-aġent tas-soċjetà attriċi, kien jikkonsisti f'li tbiegħ poloz ta' assikurazzjoni għas-soċjetà attriċi, u ta' dan kienet tirċievi commissions. Hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-modus operandi taż-żewġ soċjetajiet. Is-soċjetà konvenuta (li kien ikollha l-kuntatt dirett mal-klijent) kienet timla' ddokumenti u tgħaddihom lis-soċjetà attriċi biex jiġu pproċessati minnha. Is-soċjetà attriċi imbagħad kienet kull xahar tipprepara statement bil-lista tal-poloz li jkunu inbiegħu, tikkalkula l-premia dovuti fuq tali poloz, u minnhom tnaqqas il-commissions dovuti minnha lis-soċjetà konvenuta.*

*Is-soċjetà konvenuta kienet imbagħad tivverifika tali statements u tħallas lis-soċjetà attriċi abbażi tagħhom. <u>Kienet tgawdi minn kreditu ta' tliet (3) xhur biex tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont dovut minnha</u>. Issa kien ikun hemm klijenti (assikurati) li jħallsu lis-soċjetà konvenuta immedjatament u oħrajn li jħallsu on credit. Fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta ssostni li fir-rigward tal-klijenti li kellhom kont magħha, dan kien «bl-adeżjoni» tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi invece ssostni li ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan is-sens u li għalhekk, irrispettivament minn jekk is-soċjetà konvenuta tkunx ġabret il-ħlas mingħand il-kljienti li kellhom kont magħha, l-ammonti xorta waħda kienu jkunu dovuti lis-soċjetà attriċi għall-poloz li jkunu nħarġu.*

*<u>Verżjoni tas-soċjetà konvenuta dwar ir-raġuni għad-disgwid:</u>*

*Is-soċjetà konvenuta ssostni li għalkemm sas-sena 2000 ma kienx hemm problemi mas-soċjetà attriċi, hija imbagħad bdiet tinduna li l-istatements tas-soċjetà attriċi kien ikun fihom ħafna żbalji, u li saħansitra kienu jinkludu talbiet għall-ħlas ta' poloz illi lanqas biss kienu nħarġu minnha. Tilmenta li t-talbiet tagħha biex tali statements jiġu korretti ġew injorati, u li s-sitwazzjoni tant ippeġġorat ruħha illi s-soċjetà attriċi ddeċidiet li tirtira l-ftehim tas-sotto-aġenzija li kellha magħha. Qalet illi dejjem ikkontestat l-allegazzjonijiet tas-soċjetà attriċi li hija kienet qed timmisaproprja ruħha mill-fondi li kienu jappartjenu lis-soċjetà attriċi u li hija allegatament kienet ġabret mingħand il-klijenti. Qalet ukoll illi peress li f'ħin minnhom is-soċjetà attriċi tterminat is-sotto-aġenzija ta' bejniethom (dan kien fid-19 ta' Ġunju 2002), hija ma setgħetx tkompli tiġbor il-premia mingħand il-klijenti.*

*<u>Verżjoni tas-soċjetà attriċi dwar ir-raġuni għad-disgwid:</u>*

*Is-soċjetà attriċi invece ssostni li l-problemi serji ta' bejn il-partijiet bdew f'Jannar 2002. Hija tirreferi għax-xhieda tal-15 ta' Marzu 2006 ta' Pamela Cuschieri (li kienet taħdem bħala accounts clerk mas-soċjetà konvenuta minn Awwissu 1998 sa Frar 2002) fejn qalet li meta ma kienx ikun hemm qbil fl-istatements tas-soċjetà attriċi hija*

*kienet titkellem mal-persuna konċernata u d-differenzi kienu jitranġaw. Is-soċjetà attriċi taċċenna għall-fatt illi din ix-xhud qalet li fl-aħħar xhur tal-impieg tagħha mas-soċjetà konvenuta hija ma baqgħetx tagħmel reconciliations u li Mark Randon kien jgħidilha biex jekk iċemplu mis-soċjetà attriċi dwar premia dovuti lilha, ikellimhom hu.*

*Id-Dok 'A'*[2] *anness maċ-ċitazzjoni huwa breakdown tal-poloz li fir-rigward tagħhom is-soċjetà attriċi ssostni li baqgħet ma tħallsitx mingħand is-soċjetà konvenuta. Parti kbira minn dan id-dokument tirrigwarda l-ewwel seba' xhur tas-sena 2002*[3]*. Is-soċjetà attriċi tispjega li l-problema prinċipali kienet li s-soċjetà konvenuta kienet qed taqa' lura fil-pagamenti tagħha, fis-sens li ma kinitx qed tħallas fi żmien tliet xhur. Tgħid ukoll pero' li imbagħad irriżultaw problemi oħra tant li spiċċat għamlet rapport lill-Pulizija u ttieħdu passi kriminali kontra Mark Randon fejn ġie akkużat b'falsifikazzjoni ta' dokumenti u misapproprjazzjoni*[4]*. (Tikkummenta illi l-eżitu ta' dawn il-proċeduri – fil-fatt il-konvenut Mark Randon ġie liberat – għandhom ikollhom impatt marġinali għall-finijiet ta' din il-vertenza tenut kont tal-fatt li fil-Qorti kriminali meta jkun hemm l-iċken dubju dan jiġi ntepretat favur l-akkużat.)*

*Terminazzjoni tas-sotto-aġenzija:*

*Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Ġunju 2002*[5] *is-soċjetà attriċi nfurmat lil Mark Randon illi kienet qed tittermina s-sotto-aġenzija li kellha s-soċjetà konvenuta magħha. Hija dakinhar stess infurmat lill-MFSA*[6] *b'tali terminazzjoni, u li dan kien minħabba «unfitness and improperness, suspected fraud and dishonesty.»*

*Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2002*[7] *l-MFSA kitbet lis-soċjetà konvenuta fejn infurmatha li wara li kkunsidrat «all material facts and information available to it» ikkonkludiet illi l-istess soċjetà konvenuta ma kinitx qed iżżomm accounting records kif suppost, ma kinitx qed tmexxi n-negozju b'mod adegwat għall-interessi tal-assikurati, u ma kinitx qed tmexxi n-negozju b'integrita`, u konsegwentement neħħietha mis-«Sub-aġents list.»*

*Pretensjoni tas-soċjetà attriċi: Lm75.561.26:*

*Illi skont id-Dok 'A' fuq imsemmi, is-soċjetà konvenuta għandha tgħaddi lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm96,941.68, in kwantu:*

*(i) Lm79,528.05 jirrappreżentaw premia fuq il-poloz maħruġa minnha u l-*

---
[2] Fol. 11-34, Volum Nru 1.
[3] Fil-fatt l-ewwel żewġ paġni jirrigwardaw is-sena 2001 u t-22 il-paġna l-oħra jirrigwardaw l-ewwel seba' xhur tas-sena 2002.
[4] **Pulizija v. Mark Anthony Randon**, 78/2003, Maġ. Neville Camilleri, 20 ta' Ġunju 2017.
[5] Dok. MA2, fol. 840-842, Volum Nru 2.
[6] Dok. MA3, fol. 843, Volum Nru 2.
[7] Dok. MA8, fol. 850-852, Volum Nru 2.

*boll relattiv imħallas mis-soċjetà attriċi fuq l-istess poloz (wara li jitnaqqsu l-kummissjonijiet); u*

*(ii) Lm17,413.63 jirrappreżentaw commissions imħallsa minnha fir-rigward tal-poloz, liema commissions issostni li s-soċjetà konvenuta ddekadiet mid-dritt li tirċevihom stante li naqset li tiġbor xi premia, u fir-rigward tal-premia li ġabret, naqset li tgħaddihomlha u li żżomm rendikont finanzjarju preċiż.*

*Illi issa mhux ikkontestat li l-aħħar żewġ pagamenti li għamlet is-soċjetà konvenuta kienu wieħed ta' Lm12,000 (li minnhom issoċjetà attriċi kien irnexxielha talloka biss Lm619.58) u ieħor ta' Lm10,000. L-ammont ta' Lm21,380.42, li ma ġiex allokat, ġie mnaqqas mis-somma pretiża ta' Lm79,528.05 u għalhekk il-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi f'dawn il-proċeduri huwa ta' Lm75,561.26: Lm58,147.63 premia (Lm79,528.05 – Lm21,380.42) + Lm17,413.63 commissions.*

*L-ammont li qed taċċetta li huwa dovut minnha s-soċjetà konvenuta:*

*Illi fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet illi l-ammont ta' Lm79,528.05 li s-soċjetà attriċi qed tippretendi in linea ta' premia huwa żbaljat u kellu jkun invece Lm22,128.10. Tkompli tgħid illi la darba ħallset l-ammont ta' Lm21,380.42 ilbilanċ huwa dak ta' Lm747.68. Ma teskludix pero' li jista' jkun ukoll dovut l-ammont ta' Lm6,435.31 (u allura f' dak il-każ jiġi li lbilanċ fi premia huwa ta' Lm7,182.99).*

*Illi għal dak li jirrigwarda commissions issostni li s-soċjetà attriċi ma hija ntitolata għall-ebda rifużjoni stante li l-commissions tħallsu fuq poloz li nħarġu minnha u għalhekk hija ntitolata għalihom. Fi kwalwunkwe każ issostni li l-commissions fuq il-poloz elenkati fid-Dok 'A' esebit mis-soċjetà attriċi jammontaw għal Lm8,888,45.*

*Illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta taċċetta li għandha tagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm8,974.18 in linea ta' premia. Issostni li mill-ammont ta' Lm79,528.05 mitlub mis-soċjetà attriċi bħala premia dovuti minnha, għandhom jitnaqqsu s-segwenti ammonti:*

*(i) Lm40,346 rappreżentanti l-premia li kienet għadha ma ġabritx mingħand diversi klijenti tagħha li kellhom kont magħha u li stante t-terminazzjoni tas-sotto-aġenzija ma kellhiex aktar dritt tiġbor tali flus;*

*(ii) Lm22,000 (iż-żewġ pagamenti ta' Lm12,000 u Lm10,000) li hija fil-fatt għamlet;*

*(iii) Lm5,080.25 rappreżentanti l-premia allegatament dovuti minn persuni li meta ġew prodotti mis-soċjetà attriċi xehdu li jew qatt ma kienu assikurati mas-soċjetà attriċi u għalkemm kienu assikurati magħha*

*kienu għamlu dan tramite sotto-aġenti oħra jew direttament mas-soċjetà attriċi;*

*(iv) Lm1,140 rappreżentanti l-premia li fil-fatt inġabru mis-soċjetà konvenuta u tħallsu lis-soċjetà attriċi iżda baqgħu jidhru fid-Dok 'A';*

*(v) Lm1,987.62 rappreżentanti entraturi fid-Dok 'A' li m'għandhomx numru ta' debit note ħdejhom, u li huma poloz li effettivament qatt ma ġew ipproċessati minnha;*

*B'dan li l-bilanċ jiġi li huwa ta' Lm7,973 liema ammont hija qiegħda taċċetta bħala dovut.*

***(Din il-Qorti pero' tosserva li hemm żball matematiku, għaliex fil-fatt jekk jitnaqqsu tali ammonti mill-ammont ta' Lm79,528.05, l-bilanċ jiġi Lm8,974.18 u mhux Lm7,973).***

*Illi fir-rigward tal-ammont ta' Lm17,413.63 mitlub mis-soċjetà attriċi in linea ta' commissions, is-soċjetà konvenuta ssostni li xejn ma hu fil-fatt dovut. Targumenta illi ladarba din it-talba għar-rifużjoni tal-commissions saret fuq il-premessa li hija rċeviet is-somma ta' Lm79,528 u żammitha għaliha, u ladarba tali premessa li ma tirriżultax, allura isegwi li ma hemm l-ebda rifużjoni ta' commissions dovuta.*

***Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

*L-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi (i) in linea ta' poloz:*

*Illi kif ingħad, mis-somma oriġinali ta' Lm79,528.05 rappreżentanti il-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi in linea ta' premia fuq poloz mibjugħa mis-soċjetà konvenuta skont Dok 'A', is-soċjetà qed tippretendi bilanċ ta' Lm58,147.63 (wara li naqqset is-somma ta' Lm21,380.42 diġa' mħallsa); filwaqt li s-soċjetà konvenuta qed taċċetta li tħallas biss bilanċ ta' Lm7,182.99 (skont in-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha) jew bilanċ ta' Lm8,974.18 (skont in-nota tas-sottomissjonijiet tagħha.*

*Illi s-soċjetà konvenuta targumenta illi meta ġiet terminata s-sotto-aġenzija li kellha mas-soċjetà attriċi, kien fadlilha tiġbor Lm40,346 mingħand diversi klijenti tagħha li kienu assikurati mas-soċjetà attriċi, u li wara li ġiet terminata r-relazzjoni mas-soċjetà attriċi hija ma kellhiex dritt li tiġborhom. Mark Randon, fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Jannar 2013[8] qal li meta ġiet itterminata s-sotto-aġenzija, is-soċjetà konvenuta ppreżentat lista tal-assikurati li kien għadhom ma ħallsux lis-soċjetà attriċi, u din qalet li kienet se tiġborhom hi.*

*Illi s-soċjetà attriċi invece ssostni li minn indaġini li kienet għamlet irriżulta li l-maġġor parti tal-assikurati kienu fil-fatt ħallsu l-premia relattivi tagħhom. Ramon Mizzi (kap eżekuttiv tas-soċjetà attriċi) fix-*

[8] Fol. 3199 et seq, Volum nru 6.

*xhieda tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2003[9] qal:*

> *"…wara li konna tterminajna s-sub-agency konna għamilna eżerċizzju estensiv mal-klijenti kollha li skont ir-records tagħna kellhom premiums li kien jidhru li huma pendenti u f'ammont kbir minnhom dawn kienu nfurmawna li kienu ħallsu l-premiums direttament lis-sur Randon. Aħna għamilna din il-kawża ċivili għaliex il-premiums baqgħu ma tħallsux…"*

*Illi <u>Edward Grech</u>, (Financial Controller tas-soċjetà attriċi) fixxhieda tiegħu tat-30 ta' Marzu 2009[10] ikkonferma illi kienu ntbagħtu ittri lill-assikurati u li l-maġġoranza tagħhom kienu qalu li ħallsu. Huwa pero' qal li ma rax l-istatistika finali. «Sakemm kont hemmhekk jien mill-feedback li kellna, il-maġġior parti kienu qalu li ħallsu.»*

*Illi <u>Romina Chircop</u> (Credit Controller tas-soċjetà attriċi) fix-xhieda tagħha tat-23 ta' April 2008[11] ikkonfermat illi kien sar eżerċizzju estensiv da parti tas-soċjetà attriċi sabiex tara jekk l-assikurati li kien jidher li ma ħallsux il-premia relattivi tagħhom, fil-fatt ħallsux lis-soċjetà konvenuta. Qalet li fil-fatt kienet hi l-persuna li kienet titkellem personalment ma' dawn in-nies:*

> *"Il-maġġor parti tan-nies li rrispondew għal dawk l-ittri li bgħattilhom biex jikkomunikaw magħna jekk huma għandhomx il-premium tal-insurance imħallas jew le, il-maġġor parti ta' dawn in-nies qalulna li ħallsu lis-sur Mark Randon u xi persuni oħra."*

*Illi spjegat illi l-maġġorparti tan-nies qalu li kienu ħallsu lil Mark Randon, iżda oħrajn (xi għaxar klijenti) qalu li kienu ħallsu l-premia relattivi tagħhom lil ħaddieħor. Hija pero' għamiltha ċara li s-soċjetà attriċi tirrikonoxxi biss lis-soċjetà konvenuta, u li s-soċjetà attriċi ma kinitx taf b'dawn il-persuni «oħra» qabel ma għamlet l-eżerċizzju msemmi. Dok 'XX'[12] huwa dokument esebit minnha fil2-5 ta' Ġunju, 2008, konsistenti f'elenku tal-persuni kollha li qalu li ħallsu jew lil Mark Randon jew lill-persuni l-oħra:*

| | |
|---|---|
| *Chevron Dealer* | *Lm 71.93* |
| *Kenneth Genovese* | *Lm 11,979.43* |
| *Mark Randon* | *Lm 31,832.43* |
| *Regina Auto Dealer* | *Lm 2,998.77* |
| *Selective Travel* | *Lm 7,288.71* |
| *Żebbug* | *Lm 491.82* |
| *TOTAL* | *Lm 54,663.09* |

*Illi Romina Chircop spjegat illi dawn kollha kienu jirrigwardaw ċertifikati maħruġa mis-soċjetà attriċi, mibjugħa lill-individwi u mgħoddija lill-istess soċjetà attriċi minn Mark Randon sabiex tinħareġ l-invoice relattiva tagħhom. <u>Fil-fatt qalet illi minn dawk l-</u>*

---

[9] Fol. 26 et seq, tal-atti tal-mandat 683/03JA.
[10] Fol. 2399 et seq, Volum nru 4.
[11] Fol. 1935 et seq, Volum nru 4.
[12] Dok. XX, fol. 1949.

*assikurati li wieġbu għall-ittri tagħhom, l-ebda wieħed ma qal li ma kienx inxurjat mas-soċjetà attriċi.*

*Illi l-istess xhud ikkonfermat illi hija kellmet lin-nies kollha li hemm indikati fid-Dok 'A' (anness maċ-ċitazzjoni) ħlief għal dawk indikati fid-Dok 'RSC01'*[13] *ippreżentat minnha fix-xhieda tagħha tat-23 ta' April, 2008. Dan huwa elenku ta' dawk l-assikurati li minkejja li ssoċjetà attriċi għamlet kuntatt magħhom, baqgħu ma kkomunikawx lura magħhom. Dawn jirrigwardaw premia fl-ammont ta' Lm14,805.34.*

*Illi jiġi spjegat ukoll illi l-istess xhud, Romina Chircop, waqt ix-xhieda tagħha tas-17 ta' Novembru, 2008 ippreżentat Dok 'RSC'*[14] *li huwa lista ta' klijenti li fil-fatt ħallsu direttament lis-soċjetà attriċi. Din il-Qorti qabblet dan id-dokument ma' Dok 'A' u rriżultalha li fir-rigward tas-segwenti assikurati, li din il-Qorti qiegħda telenka hawn taħt, il-poloz imħallsa minnhom ma ġewx imnaqqsa minn Dok 'A':*

| *Amount* | *Commission* | *Amount* | *Total* |
|---|---|---|---|
| *Camilleri Denise* | *Lm239.74* | *Lm45.34* | *Lm285.08* |
| *Mario Anthony Desira* | *Lm12.75* | *Lm2.25* | *Lm15.00* |
| *Detimil Ltd* | *Lm264.06* | *Lm67.89* | *Lm331.95* |
| *Mark & Josephine Farrugia* | *Lm29.22* | *Lm7.03* | *Lm36.25* |
| *Joseph Muscat Azzopardi* | *Lm54.74* | *Lm14.06* | *Lm68.80* |
| *TOTAL* | *Lm600.51* | *Lm136.57* | *Lm737.08* |

*Illi fir-rigward tal-assikurat Joseph Muscat, jidher li l-valur tal-premium tiegħu fil-fatt tnaqqas minn Dok 'A', u fir-rigward tal-assikurata Victoria Zammit din il-Qorti ma setgħetx tqabbel il-valuri.*

*Illi da parti tagħha s-soċjetà konvenuta targumenta illi wara li nstemgħu ħafna min-nies indikati f'Dok 'A', kien hemm xi wħud li qalu li qatt ma kienu assikurati mas-soċjetà attriċi jew li għalkemm kienu assikurati magħha kienu għamlu dan tramite sotto-aġenziji*

[13] Dok. 'RCS01', fol. 1928 *et seq*, Volum nru 4.

[14] Fol. 143 tal-atti tal-mandat 683/03JA.

*oħra jew direttament mas-soċjetà attriċi. Mark Randon fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Jannar 2013*[15]*, ssostna li dawn jirrappreżentaw premia fl-ammont ta' Lm5,080.25 u ppreżenta Dok 'MR4'*[16] *li hija lista ta' nies li allegatament mhux assikurati mas-soċjetà attriċi. F'dan ir-rigward pero' s-soċjetà attriċi tispjega illi hija ħarrket numru sostanzjali ta' assikurati quddiem l-Assistent Ġudizzjarju biex jixhdu dwar il-poloz tagħhom li huma ndikati fid-Dok 'A'. Tispjega illi dan għamlitu sabiex terġa' tikkonferma dak li qalu x-xhieda tagħha li nstemgħu quddiem l-Imħallef. Tenfasizza pero' illi kien hemm xhieda li kellhom diffikultà kbira biex jiftakru, u in oltre, minħabba l-fatt li s-soċjetà konvenuta kienet tinnegozja wkoll tramite terzi, ikun hemm persuni li minkejja li jkunu nxurjati magħha tramite s-soċjetà konvenuta, lanqas biss ikunu a konoxxenza ta' dan. Fi kwalunkwe każ taċċenna għall-fatt illi din il-prova lanqas biss kienet waħda neċessarja u titlob li jiġi apprezzat li hija kienet ġiet infurmata bl-eżistenza ta' tali assikurati proprju mis-soċjetà konvenuta Shield Services Ltd, u li waqt li qed titħaddem fil-kors normali tagħha relazzjoni ta' insurance sub-agency, il-principal (ċjoe' s-soċjetà attriċi) qatt ma jkun f'kuntatt dirett mal-assikurati. Targumenta illi l-prassi normali sabiex jiġu verifikati l-kontijiet bejn il-partijiet f'din il-kawża qatt ma kienet tinvolvi l-assikurati, u kwalunkwe rikonċiljazzjoni ta' ammonti dovuti li saret fil-passat dejjem saret abbażi ta' prova dokumentarja. Din il-Qorti jidhrilha li dan huwa argument leġittimu u għalhekk mhux ser tieħu konjizzjoni ta' Dok 'MR4'.*

*Illi s-soċjetà konvenuta tilmenta illi Dok 'A' jinkludi premia miġbura minnha u li hija għaddiet lis-soċjetà attriċi, u li iżda ma tnaqqsux. Mark Randon ippreżenta Dok 'MR5'*[17] *fir-rigward, li huwa kopja ta' ċekk datat 4 ta' Marzu 2002 intestat lis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' Lm1,140.11. Dok 'MR5' fih struzzjonijiet ta' kif issoċjetà konvenuta riedet lis-soċjetà attriċi tagħmel l-allokazzjonijiet. Din il-Qorti qabblet l-invoices elenkati f'dan id-dokument ma' Dok 'A' u rriżultalha li effettivament hemm xi wħud minnhom (mhux kollha) li għadhom jidhru f'Dok 'A'. Tali invoices huma disgħa (9) u din il-Qorti qed tissottolinejahom u tindikahom bis-sinjal (•):*

*ACCOUNT NO 77SHI0156G*
*LIST OF INVOICES TO BE ALLOCATED*
*PAYMENT OF Lm1,140.11*

| *Invoice No.* | *Ammont* |
|---|---|
| *•95241* | *Lm103.19* |
| *•99053* | *Lm23.31* |
| *•100730* | *Lm59.17* |
| *31746* | *- Lm50.00* |
| *•98882* | *Lm1,168.34* |

[15] Fol. 3199 et seq, Volum nru 6.
[16] Dok. MR4, fol. 3193 et seq, Volum nru 4.
[17] Dok. MR5, fol. 3196, Volum nru 6.

| | |
|---|---|
| *•98883* | *Lm218.75* |
| *•98893* | *Lm350.00* |
| *32720* | *- Lm1,168.34* |
| *•114874* | *Lm1,174.47* |
| *93758* | *Lm7.37* |
| *93762* | *Lm4.82* |
| *95746* | *Lm15.50* |
| *•95759* | *Lm123.84* |
| *95765* | *Lm251.43* |
| *•95770* | *Lm150.97* |
| *100069* | *Lm2.94* |
| *100070* | *Lm4.24* |
| *100071* | *Lm127.88* |
| *100072* | *Lm7.96* |
| *Cr pyt* | *- Lm1,435.73* |
| *TOTAL* | *Lm1,140.11* |

*Illi kif wieħed jista' jara s-somma ta' tali disa' (9) ammonti waħedhom teċċedi l-ammont ta' Lm1,140 – fil-fatt jammonta għal Lm3,372.04. Hemm ammonti ta' invoices oħra ndikati fl-istess Dok 'MR5' li jidhru mnaqqsa fuq l-istess Dok 'MR5'. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' hija taqbad u tnaqqas dawn id-disa' ammonti hija stess għaliex jidhru li jiffurmaw parti min eżerċizzju kumplessiv u ma jistgħux jiġu kkunsidrati in vacuo.*

*Illi s-soċjetà konvenuta tilmenta wkoll illi fid-Dok 'A' f'paġni 22 u 23*[18]*, senjatament mill-entry numru 29 'il quddiem*[19]*, hemm indikati poloz li ma fihomx debit note ħdejhom. Mark Randon xehed illi m'għandu l-ebda rendikont dwar min huma n-nies. Qal li tali poloz jammontaw għal* *<u>Lm1,987.62</u>. Din il-Qorti tosserva illi tali poloz huma datati 31 ta' Lulju, 2002 (jiġifieri wara li ġiet itterminata s-sotto-aġenzija). Fix-xhieda tagħha tal-4 ta' Frar 2009*[20]*, Romina Spiteri nee' Chircop xehdet hekk dwarhom:*

> *"Mela rigward dawk is-sett ta' invoicing li jidher fuq l-istatement dak huwa xogħol li l-ex CEO tas-Citadel, is-sur Ramon Mizzi kien ġabar wara li ngħalqu l-kuntratt mas-sur Randon, kien mar l-uffiċċju tas-sur Randon u ġabar dak kollu, ċertifikati li kienu nħarġu mis-sur Randon, ovvjament kopji, u ġabhom l-uffiċċju. <u>Dak ix-xogħol kollu jiġifieri li nbiegħ mis-sur Randon</u>. Minn pages 22 sa 23 huma invoicing li aħna għamilna lill-klijenti li minn dokumenti li ġabar is-sur Mizzi nstab illi dawk il-kopji ta' ċertifikati qatt m'għaddew lil Citadel biex Citadel tkun taf illi dawk il-klijenti xtraw polza mingħand is-sur Randon, allura ridna bilfors, b'hekk is-sur Randon lilna qatt ma nfurmana li dawk il-klijenti li xtraw il-polza mingħandu jew għamlu insurance għandu, u aħna meta s-sur Mizzi ġie bihom kellna ngħadduhom, kellna nżiduhom mal-istatement tiegħu, malistatement ta' Shield… għalhekk huma debitati fuq il-kont ta' Shield."*

[18] Effettivament huma paġni 23 u 24 ta' Dok 'A' (a fol 33 u 34 rispettivament).
[19] Mill-isem ta' Dr Anthony Mangion 'il quddiem.
[20] Fol. 2349 et seq, Volum nru 4.

*(enfasi ta' din il-Qorti)*

*Illi għalhekk jidher li dan l-ammont ukoll ma jistax jitnaqqas.*

*Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti jidhrilha illi mill-ammont ta' Lm79,528.05 pretiż mis-soċjetà attriċi in linea ta' premia dovuti mis-soċjetà konvenuta, għandu jitnaqqas biss l-ammont ta' Lm21,380.42*[21] *imħallas minnha, kif ukoll l-ammont ta' Lm600.51 rappreżentanti klijenti li sussegwentement ħallsu direttament lis-soċjetà attriċi u li l-premia relattivi tagħhom għadhom jidhru dovuti fuq Dok 'A'. Għalhekk jiġi li l-bilanċ huwa ta' Lm57,547.12*

*Illi jiġi ppreċiżat illi kwalsiasi parti minn dan l-ammont li jirrappreżenta premia li l-klijenti tas-soċjetà konvenuta ma ħallsux lis-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għalih l-istess soċjetà konvenuta stante li ma jirriżultax pruvat li fir-rigward ta' dawk li kellhom kont mas-soċjetà konvenuta u li kienu jħallsuha «on credit» kien hemm il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi. Għalhekk kwalsiasi credit mogħti lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta kien a riskju tas-soċjetà konvenuta stess.*

*L-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi (ii) in linea ta' rifużjoni ta' commissions:*

*Illi waqt ix-xhieda ta' Mark Randon tat-30 ta' Jannar 2013, din il-Qorti staqsietu speċifikatament hekk: «Tal-commission kont titħallas jew kont tnaqqashom mill-ammonti li kont tħallas inti?» u huwa wieġeb illi l-commissions kienu jitnaqqsu mill-ammonti li jkun ġabar.*

*Illi l-premia fl-ammont ta' Lm79,528.05 (indikati fuq Dok 'A') huma fil-fatt bil-commissions diġa' mnaqqsa. Il-commissions relattivi għalihom huwa ta' Lm17,413.63. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà konvenuta hija ntitolata għal dawk il-commissions relattivi għall-premia fl-ammont ta' Lm21,380.42 li hija ħallset qabel il-kawża, u wkoll għal dawk relattivi għall-premia fl-ammont ta' Lm600.51 li ħallsu l-klijenti tagħha direttament lis-soċjetà attriċi; u li invece mhix intitolata għal dawk il-commissions relattivi għall-premia fl-ammont ta' Lm57,547.12 li baqgħet ma ħallsitx (ċjoe' firrigward tal-bilanċ li sejra tiġi ordnata tħallas minn din il-Qorti). Din il-Qorti qed tillikwida (proporzjonalment) il-commissions relattivi għall-premia ta' Lm57,547.12 fl-ammont ta' **Lm12,600.64**.*

*L-ammont totali dovut lis-soċjetà attriċi (in linea ta' premia u commissions):*

*Illi għalhekk mill-ammont pretiż ta' Lm75,561.26 (rappreżentanti bilanċ ta' premia u commissions meħudin flimkien), din il-Qorti*

[21] Għalkemm is-soċjeta` konvenuta ħallset Lm22,000, is-Lm619.58 li ġew allokati tnaqqsu mis-somma pretiża.

*jidhrilha li huma dovuti* ***Lm70,147.76*** *(Lm57,547.12 + Lm12,600.64).*

*Ir-responsabilita' tal-konvenuti Mark u Michelle Randon personalment:*

*Il-konvenuti Mark u Michelle Randon isostnu li ma hemm l-ebda ness ġuridiku bejnhom u bejn is-soċjetà attriċi u li għalhekk l-ebda ammont ma hu dovut minnhom personalment.*

*Is-soċjetà attriċi fin-nota tas-sottomissjonjiet tagħha ssostni illi fiċ-ċirkostanzi «huwa evidenti li hemm bżonn ikun hemm lifting of the corporate veil.»*

*Illi huwa risaput illi għalkemm kumpanija għandha personalità ġuridika distinta minn min jiġġestiha u mill-azzjonisti tagħha, f'każ ta' kummerċ frawdolenti jew ħażin jeżisti l-prinċipju tal-lifting of the corporate veil u dan biex dik il-persuna li tkun responsabbli ma tkunx tista' tinħeba wara l-personalità ġuridika tal-kumpanija biex tevita r-responsabbilta' tagħha. Abbażi ta' dan il-prinċipju, kreditur ta' soċjetà jista' jottjeni li uffiċjali, rappreżentanti jew persuni nvoluti fit-tmexxija ta' tali soċjetà, ikunu personalment responsabbli għad-djun tagħha.*

*Illi issa jirriżulta li kien hemm ħafna irregolaritajiet li seħħew da parti tas-soċjetà konvenuta tul il-kors tas-sotto-aġenzija mas-soċjetà, fosthom is-segwenti:*

*- Is-soċjetà konvenuta kienet qiegħda topera tramite terzi (bħal Kenneth Genovese, Selective Travel, Regina Auto Dealer etc) li ma kienux sotto-aġenti awtorizzati mis-soċjetà attriċi;*

*- Is-soċjetà konvenuta ma kinitx qiegħda tgħaddi l-premia rigwardanti l-poloz maħruġa minnha fi żmien tlett xhur;*

*- Is-soċjetà konvenuta ma kinitx qiegħda tgħaddi lis-soċjetà attriċi d-dokumenti kollha relativi għal poloz li kienet qed toħroġ f'isem is-soċjetà attriċi;*

*- Il-konvenut Mark Randon kien jieħu mill-fond tas-soċjetà konvenuta għall-użu personali tiegħu u kien anke jpoġġi flus personali tiegħu f'tali fond meta jkun qiegħed jinżel.*

*(Pamela Cuschieri – accounts clerk tas-soċjetà konvenuta – fix-xhieda tagħha tal-15 ta' Marzu 2006* [22] *spjegat illi s-soċjetà konvenuta kellha żewġ kontijiet bankarji: (i) wieħed kien il-premium account – li minnu kienu jitħallsu l-premia dovuti lis-soċjetà attriċi, u (ii) l-ieħor kien il-commission account, li suppost kienu jintuża biex jitħallsu l-ispejjeż relatati mat-tmexxija tan-negozju, bħal pagi, kera tal-post, telephone eċċ. Hija qalet li minn dan il-kont Mark Randon kien jiġbed flus għall-ispejjeż* ***personali*** *tiegħu, bħall-ispejjeż tal-*

[22] Fol. 1206 et seq, Volum nru 3.

*credit card tiegħu, tal-mobile tiegħu, tat-telephone tad-dar tiegħu, u tax-xogħlijiet li darba saru fuq il-boat personali tiegħu. Qalet ukoll li darba tiftakar li kien għamel depożitu ta' Lm13,000 jew Lm17,000 sabiex ikun jista' jaqta' ftit mill-premia li kienu dovuti lis-soċjetà attriċi (jidher għalhekk li tali depożitu għamlu fil-premium account).*

*- Is-soċjetà konvenuta ma għamlitx l-accounts tas-snin 2001 u 2002. Fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' April 2003*[23] *Mark Randon spjega li huwa ma setax jagħmel l-accounts għaliex kellu bżonn dokumenti min-naħa tas-soċjetà attriċi, liema dokumenti ma ġewx mgħoddija lilu. Pero' fix-xhieda tagħhom tad-9 ta' Frar, 2006 l-accountant u l-awditur tas-soċjetà konvenuta (Jesmond Psaila*[24] *u Mark Scalpello*[25]*) ma jikkorroborawx tali verżjoni.*

*Sinifikanti huwa l-eżitu tal-investigazzjonijiet li saru mill-MFSA, fejn wara inspections li saru u wara laqgħat li għalihom kienu ġew mitluba jattendu Mark Randon u l-avukat tiegħu, l-accountant Jesmond Psaila u l-awditur Mark Scalpello, hija kkonludiet illi s-soċjetà konvenuta wettqet diversi nuqqasijiet:*

*- has failed to maintain adequate systems of control of its business and records, in particular accounting records;*

*- has not conducted its business with due regard to the interest of policyholders and potential policyholders; and*

*- has failed to carry on business with due care and integrity.*

*Illi relazzjonijiet u aġir ta' soċjetajiet u relazzjonijiet u aġir ta' membri, uffiċjali jew rappreżentanti ta' soċjetajiet huma regolati bl-**Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386) tal-Liġijiet ta' Malta**. L-uniċi żewġ istanzi fejn din il-liġi tipprovdi għall-każ ta' responsabbilta' illimitata u diretta ta' azzjonisti u rappreżentanti ta' soċjetà huma dawk ta' kummerċ bi frodi (fraudulent trading) u kummerċ ħażin (wrongful trading) kontemplati fl-Artikoli 315 u 316 rispettivament:*

*Artikolu 315: (Responsabbilta' għal kummerċ bi frodi)*

> *"(1) Jekk waqt l-istralċ ta' kumpanija sew jekk b'ordni tal-Qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra, jew bil-għan ta' frodi, il-Qorti tista' fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali, jew tal-istralċjarju jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpanija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tannegozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpanija kif il-Qorti tista' tordna.*

[23] Fol. 3213 et seq, Volum nru 6.
[24] Fol. 1191 et seq, Volum nru 3.
[25] Fol. 1174 et seq, Volum nru 3.

*(2) Meta n-negozju ta' kumpanija jitmexxa b'dak il-ħsieb jew għal dawk l-għanijiet hekk kif imsemmija fis-sub-artikolu (1), kull persuna li xjentement tkun parti fit-tmexxija tan-negozju kif intqal qabel, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf, disa' mija u sebgħa u tletin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€232,937.34) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien."*

*Artikolu 315: (Kummerċ ħażin)*

*«(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta kumpanija tkun ġiet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li lkumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha.*

*(2) Il-Qorti, fuq ir-rikors tal-istralċjarju ta' kumpanija li għaliha japplika dan l-artikolu, tista' tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun responsabbli li tagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpanija kif il-Qorti jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti ma għandhiex tilqa' rikors taħt dan l-artikolu jekk tkun sodisfatta li l-persuna li kienet direttur kienet taf li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha u skont dan tkun ħadet kull pass li kellha tieħu sabiex tnaqqas it-telf potenzjali għall-kredituri tal-kumpanija.*

*(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3) il-fatt li direttur ta' kumpanija għandu jkun jaf jew jaċċerta ruħu minnhom, il-konklużjonijiet li għandu jilħaq u l-passi li għandu jieħu huma dawk li jkunu magħrufa jew aċċertati, jew li jintlaħqu jew jittieħdu, minn persuna li b'mod raġonevoli tkun diliġenti li jkollha kemm –*

*(a) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li b'mod raġonevoli jkunu mistennija minn persuna li tmexxi l-istess funzjonijiet kif jitmexxew minn jew mogħtija lil dak id-direttur fir-rigward il-kumpanija; kif ukoll*

*(b) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li għandu d-direttur.*

*(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, direttur jinkludi persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha d-diretturi tal-kumpanija normalment jaġixxu.»*

*Illi din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **«Valle del Miele Ltd vs Wallace Fino et pro et noe»** [26] irriteniet illi kwalsiasi responsabbilta' personali tar-rappreżentanti ta' soċjetà:*

*"… tista' tiġi dikjarata biss waqt li l-istess soċjetà tkun fi proċess ta' stralċ. Il-Liġi tal-kumpaniji, li hi liġi speċjali li tirregola l-kumpaniji u l-uffiċjali tagħha, ma tipprovdix rimedji oħra kontra allegat abbuż tad-*

[26] *Vide* **Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe**, Ċit. Nru. 1903/01TM, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru, 2007.

> *diretturi, tista' tiġi dikjarata biss waqt li l-kumpanija tkun fi proċess ta' stralċ, u dana a tenur tal-**Artikolu 315 u 316 tal-imsemmi Kap 386**. Illiġi tal-kumpaniji, li hi liġi speċjali li tirregola l-kumpaniji u l-uffiċjali tagħha, ma tipprovdix rimedji oħra kontra allegat abbuż tad-diretturi, u meta istitu hu regolat b'liġi speċjali, mhux leċitu li ssir riferenza għal xi prinċipju ġenerali taddritt. Hu minnu li, b'mod ġenerali, min jabbuża bid-drittijiet mogħtija lilu jista' jkun passibbli għad-danni, iżda meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, hi biss dik il-liġi li għandha tiġi kkunsidrata għall-fini ta' responsabbilta' tal-partijiet u tarrimedji mogħtija – «specialia generalibus derogant» …. F'dan il-każ il-liġi speċjali rregolat kif u meta diretturi jistgħu jinstabu responsabbli personalment għad-djun tal-kumpanija tagħhom, u hi biss fil-limiti ta' dak provdut f'dik il-liġi speċjali li r-rimedji jridu jinstabu."*

*Għalhekk għalkemm kreditur jista' jottjeni dikjarazzjoni ta' responsabbilta' ta' rappreżentant tas-soċjetà debitriċi għad-dejn ta' dik is-soċjetà, huwa jista' jagħmel hekk biss fil-limiti ta' dak provdut fil-**Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u senjatament <u>fil-kuntest ta' proċediment ta' stralċ ta' soċjetà u ta' dak provdut fl-**Artikoli 315 u/jew 316**</u>. F'azzjoni ordinarja (bħalma hija din odjerna) għall-ħlas ta' kreditu ma jistax ikun hemm l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-lifting of the corporate veil. Għalhekk normalment lanqas hu l-każ li din il-Qorti tiddetermina jekk l-aġir ta' Mark Randon kienx tali li jirrendih (u lil martu bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti) responsabbli personalment għall-kreditu mitlub mis-soċjetà attriċi.*

*Illi madankollu mill-atti jirriżulta ċar għall-Qorti li l-konvenut kien jiġġestixxi dan in-negozju b'mod li huwa diffiċli li wieħed jiddistingwi bejn l-azzjonijiet tiegħu bħala direttur tas-soċjetà konvenuta u f'ismu personali, tant huwa evidenti li uża l-flus derivati mill-premia għal skopjiet oħra ċertament mhux relatati mas-soċjetà.*

*Illi prima facie għalhekk jirriżulta lill-Qorti element ta' malafede da parti tal-konvenut personalment għaliex si tratta somma kbira ta' flus u mhux xi somma żgħira li setgħet baqgħet għaddejja b'nuqqas ta' attenzjoni. Anke l-istess kontro-talba tal-konvenut kif se jiġi msemmi, turi li l-konvenut ma ddistingwix bejn l-azzjonijiet tiegħu bħala persuna u dawk bħala direttur. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet **«Briffa v. Abela»** (deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' Marzu 2003) u **«Galea v. Micovic»** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 2001).*

*Illi jsegwi għalhekk illi t-talba attriċi hija wkoll proponibbli fil-konfront tal-konvenuti Mark u Michelle Randon.*

*<u>Il-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta:</u>*

*Illi s-soċjetà konvenuta għamlet kontro-talba fl-ammont globali ta' Lm4,469.49, in kwantu:*

*- <u>Lm3,365.49</u> allegatament jirrappreżentaw commissions fuq life*

*policies li hija biegħet mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta u għalhekk m'humiex dovuti; u*

*- Lm1,104 jirrappreżentaw żewġ claims li s-soċjetà konvenuta allegatament ħallset minn butha mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi u għalhekk mhux dovuti.*

*Illi fir-rigward tal-ammont ta' Lm3,365.49, is-soċjetà konvenuta ppreżentat Dok 'MR3'[27] mal-istess kontro-talba, u f'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi eċċepiet illi tali ammont mhux dovut għaliex is-soċjetà konvenuta ma kinitx awtorizzata tbiegħ poloz ta' Life Insurance. Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2003[28], pero' r-raġuni li ta Ramon Mizzi (mis-soċjetà attriċi) għaliex ma humiex dovuti commissions firrigward tal-premia ndikati fuq id-Dok 'MR3' ma kinitx in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tagħha biex is-soċjetà konvenuta tbiegħ poloz ta' Life Insurance. Spjega li kien talab il-Life Department tas-soċjetà ittih informazzjoni dwar il-poloz indikati fid-Dok 'MR3':*

> *"… jiena ġejt infurmat illi kien hemm numru minn dawn il-policies illi ma kinux ġew imkomplija. Normalment, just biex nispjega ftit, mingħajr ma nidħol f'ħafna dettall, life policy jista' jkun hemm il-bżonn illi jkun hemm medical examination, jaf minħabba medical examination jaf ikollna ngħollu l-premium mill-proposta li tkun saret, u allura l-proċess jieqaf, u l-policy ma toħroġx. Kien hemm erba' minnhom li ġara hekk, u l-oħrajn il-premium tħallas wara t-termination tas-sub-agency, jew il-polza nnifisha ħarġet wara t-termination tas-sub-agency." (enfasi ta' din il-Qorti)*

*Illi din il-Qorti pero' hija tal-fehma illi fir-rigward tal-poloz li fil-fatt ġew kompluti u fejn il-premia relattivi tagħhom effettivament tħallsu wara li ġiet itterminata s-sotto-aġenzija, (kemm jekk il-poloz ħarġu qabel u kemm jekk ħarġu wara li ġiet itterminata s-sotto-aġenzija) is-soċjetà konvenuta hija ntitolata għall-commissions relattivi, stante li kienu poloz li ġew introdotti tramite l-istess soċjetà konvenuta. La darba mhux magħruf l-ammont tagħhom din il-Qorti sejra tillikwida arbitrio boni viri l-commissions relattivi fl-ammont ta' Lm2,000.*

*Illi fir-rigward tal-ammont ta' Lm1,104 pretiż mis-soċjetà konvenuta, l-istess soċjetà konvenuta fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha targumenta illi s-soċjetà attriċi ma kkontestatx din it-talba u għalhekk għal din ir-raġuni u għaliex saret il-prova relattiva, għandha titqies bħala ġustifikata. Is-soċjetà konvenuta pero' effettivament kienet ikkontestat tali talba, u eċċepiet illi s-soċjetà konvenuta ma kinitx awtorizzata tħallas claims. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha terġa' tenfasizza illi hija qatt ma tat lis-soċjetà konvenuta l-poter biex tħallas claims għan-nom tagħha. Għaldaqstant din il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tilqa' din it-talba.*

[27] Fol. 88, Volum nru 1.
[28] Fol. 98, Volum nru 1.

*<u>Il-kontro-talba tal-konvenuti konjuġi Randon</u>:*

*Illi l-konjuġi Randon, minkejja li eċċepew illi m'humiex il-leġittimi kontradditturi pproponew kontro-talba (fejn talbu l-ħlas tas-somma ta' Lm1,313.85 rigwardanti claim li għamlu relattiva għall-vettura personali tagħhom li kienet assikurata b'polza fully comprehensive mas-soċjetà attriċi, u li din, allegatament naqset li tħallashom id-danni in segwitu għal inċident awtomobilistiku). Ma tistax din il-Qorti ma tosservax li l-fatt li qed jgħidu li m'humiex il-leġittimi kontradditturi u fl-istess nifs jipproponu kontro-talba huwa <u>kontradittorju għall-aħħar</u>. Peress illi l-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni se tilqa' din il-kontro-talba.*

***DEĊIŻJONI:***

*Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*(a) <u>Fir-rigward tat-talba attriċi:</u>*

*(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Shield Services Ltd naqset li tħallas lissoċjetà attriċi l-prezz ta' diversi premia fuq poloz ta' assikurazzjoni u boll relattiv;*

*(ii) Tilqa' t-tieni talba in kwantu tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta tilfet id-dritt għal dawk il-kummissjonijiet rigwardanti premia li ma tħallsux;*

*(iii) Tilqa' t-tielet talba limitatament in kwantu tillikwida lammont bilanċjali dovut lis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' Lm70,147.76 (Lm57,547.12 rappreżentanti premia u Lm12,600.64 rappreżentanti kummissjonijiet);*

*(iv) Tiċħad ir-raba' talba kif dedotta iżda ssib lill-konvenuti Randon personalment responsabbli għar-raġunijiet ġja' msemmija;*

*(v) Tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta u lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm70,147.76 (ekwivalenti għal €163,400.33).*

*(b) <u>Fir-rigward tal-kontro-talba</u>:*

*(vi) Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li s-soċjetà attriċi rikonvenuta hija debitriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' Lm2,000 likwidati arbitrio boni viri fir-rigward ta' kummissjonijiet dovuti lilha relattivi għal numru ta' life insurance policies;*

*(vii) Tilqa' t-tieni talba;*

*(viii) Tilqa' t-tielet talba limitatament u tordna lis-soċjetà attriċi rikonvenuta tħallas lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' Lm2,000*

*(ekwivalenti għal €4,660);*

*(ix) Tilqa' r-raba' talba u tordna lis-soċjetà attriċi tħallas lill-konvenuti personalment is-somma ta' Lm1,313.85c (€3,060.45).*

*L-ispejjeż tat-talba attriċi jkunu a kariku tal-konvenuti; filwaqt li dawk tal-kontro-talba jkunu tlett kwarti a kariku tas-soċjetà attriċi u kwart a kariku tal-konvenuti.»*

8. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fis-17 ta' Lulju, 2018, fejn l-aggravji huma tlieta (3):

i. L-Ewwel Qorti injorat il-fatt li l-prinċipju fundamentali ta' min jallega jrid jipprova ma ġiex rispettat mill-kumpanija attriċi fuq żewġ binarji: (a) li Shield Services Limited effettivament ġabret u rċievet is-somma ta' Lm75,561.26 fi *premiums*, u (b) li Shield Services Limited approprijat ruħha b'mod illegali minn dawn il-fondi.

F'dan ir-rigward, il-konvenuti jibbażaw l-aggravju tagħhom fuq analiżi tad-dokument immarkat 'Dok. A' ippreżentat minn Citadel Insurance plc, u jikkontendu li l-Ewwel Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha kellha:

(a) Fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-*premia*, tara: (i) il-lista tal-*premia* mhux miġbura kif ippreżentata minn Mark Randon, (ii) it-tnaqqis tal-pagament ta' Lm22,000 mis-somma globali, (iii) it-tnaqqis mill-ammont ta' dawk il-poloz li ma kellhom l-ebda konnessjoni ma' Shield Services Limited, (iv) it-tnaqqis ta'

dawk il-*premia* li nġabru u tħallsu minn Shield Services Limited lil Citadel Insurance plc, u (v) it-tnaqqis ta' dawk l-entrati f'Dok. A li ma għandhomx dettalji;

(b) Fir-rigward tat-talba għar-rifużjoni tal-kummissjonijiet, jingħad illi ġaladarba dak allegat fuq il-*premia* ma ġiex ippruvat, għandu għalhekk isegwi illi ma hemmx lok għal tali rifużjoni;

ii. L-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lil konjuġi Randon personalment responsabbli, peress li l-każ odjern ma jikkonċernax każ ta' *fradulent trading* jew *wrongful trading*;

iii. L-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fil-mod kif iddeċidiet u llikwidat l-ammonti kif mitluba fil-kontrotalba rigward: (a) il-kummissjonijiet dovuti lil Shield Services Limited, (b) rifużjoni ta' *claim* f'isem il-kumpanija attriċi u (c) l-ħlas ta' danni li saru fuq vettura tal-konjuġi Randon.

9. Għalhekk, il-konvenuti appellanti talbu sabiex:

*"din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma fl-ammont ta' tmintax'il elf, ħames mija, tnejn u sebgħin Ewro u disa' ċenteżimi (€18,572.09) jew somma verjuri, u limitatament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta appellanti; (2) tiddikjara illi l-appellanti Mark u Michelle Randon fil-kapaċità personali tagħhom għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; (3) tilqa' il-kontro-talba tal-konvenuti appellanti filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-atturi għall-kontro-talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà*

*attriċi.”*

10. Il-kumpanija attriċi ġiet debitament notifikata fid-19 ta’ Lulju, 2018, u wieġbet għalih b’risposta datata 6 ta’ Awwissu, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-konvenuti fir-rikors ta’ appell tagħhom, iżda flimkien mar-risposta, il-kumpanija rikorrenti ppreżentat appell inċidentali b’aggravju wieħed, ċioè li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti deċiżjoni dwar l-imgħax mid-data ta’ kull *invoice* relattiv sal-ħlas effettiv.

11. Il-konvenuti ma weġbux bil-miktub għall-appell inċidentali.

12. Inżamm smigħ fis-7 ta’ Marzu, 2023, fil-fatt, inżamm smigħ ieħor fl-14 ta’ Marzu, 2023 li matulu ngħata lill-appellanti miżżewġin Randon il-benefiċċju tal-ħelsien mill-għoti tal-garanzija (“*cautio juratoria*”) u fid-9 ta’ Mejju 2023, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-Ewwel Qorti rat illi din hija kawża bejn il-kumpanija attriċi Citadel Insurance plc li hija kumpanija tal-assikurazzjoni, u l-kumpanija konvenuta Shield Services Limited, li kienet immexxija mill-konvenut Mark Randon, fejn l-azzjonisti tal-istess huma l-istess Mark Randon u martu Michelle Randon, liema kumpanija ġiet liċenzjata u awtorizzata

mill-Malta Financial Services Authority (MFSA) sabiex taġixxi bħala sotto-aġent tal-kumpanija Citadel Insurance plc. B'hekk, xogħol il-kumpanija konvenuta kien li, bħala sotto-aġent, tbiegħ poloz ta' assikurazzjoni għal Citadel Insurance plc, u ta' dan tirċievi kummissjonijiet. Rigward dan, l-Ewwel Qorti rat li hemm qbil dwar il-*modus operandi* bejn iż-żewġ kumpaniji, ċjoè: (i) Shield Services Limited kien ikollha l-kuntatt tal-bidu mal-klijent u b'hekk kienet timla d-dokumenti neċessarji kollha hi filwaqt li titħallas tal-poloz mill-klijent stess, fejn kien ikun hemm minnhom li jħallsu fil-ħin filwaqt li oħrajn le, (ii) dawn id-dokumenti kienu jiġu mgħoddija lil Citadel Insurance plc, biex din tipproċessahom bil-konsegwenza li toħroġ il-poloz fuq isem il-klijenti, (iii) Citadel Insurance plc kienet kull xahar toħroġ *statement* bil-lista tal-poloz ipproċessati minnha, liema *statement* kien jinkludi l-prezz tal-poloz li minnhom kienu jitnaqqsu l-kummissjonijiet dovuti lil Shield Services Limted, (iv) il-kumpanija konvenuta kien ikollha l-fakoltà li tivverifika dawn l-i*statements*, u mal-qbil kienet tħallas is-somma dovuta lil Citadel Insurance plc, b'dana illi kienet tgawdi minn *credit term* ta' tlett (3) xhur biex tagħmel il-ħlas in kwistjoni.

14. Magħdud mal-premess, l-Ewwel Qorti rat li f'punt partikolari beda d-disgwid bejn iż-żewġ kumpaniji – fejn skont il-verżjoni tal-konvenuti dan beda bil-mod il-mod wara s-sena 2000 hekk kif l-i*statements* maħruġa minn Citadel Insurance plc kien qed ikollhom ħafna żbalji,

filwaqt li min-naħa l-oħra l-kumpanija attriċi tgħid li l-problemi bdew minn Jannar 2002 hekk kif ma bediex isir il-ħlas minn Shield Services Limited fi żmien il-*credit term* mogħti lilha, bil-konsegwenza li din bdiet taqa' lura fil-pagamenti tagħha. Dan wassal sabiex, Citadel Insurance plc bagħtet ittra lil Mark Randon in rappreżentanza ta' Shield Services Limited, datata 19 ta' Ġunju, 2002, fejn ġie nfurmat illi *«your appointment as a sub-agent for Citadel Insurance plc is being terminated and that the name of Shield Services Limited is being struck off the Company's Sub Agents Register with immediate effect»*, fejn waħda mir-raġunijiet għal din it-terminazzjoni kienet *«the settlement of outstanding balances due to Citadel and despite given ample time to resolve matter, these balances remain outstanding»*, liema ittra ġiet ukoll notifikata lil MFSA.[29]

15. Minħabba n-nuqqas ta' pagamenti, Citadel Insurance plc bdiet din l-azzjoni kontra Shield Services Limited, kif ukoll il-konjuġi Randon, sabiex tirkupra dak li skontha huwa dovut lilha. Il-pretensjoni tal-kumpanija attriċi fir-rigward ta' *premia* tammonta għal Lm79,528.05 (li minnha trid titnaqqas is-somma ta' Lm21,380.42 bħala pagamenti mingħand Shield Services Limited) u Lm17,413.63 f'*commissions* (skont Dok. A anness mar-rikors promotur). Għalhekk is-somma pretiża minn Citadel Insurance plc, wara t-tnaqqis imsemmi, huwa dak ta' Lm75,561.26. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija konvenuta qiegħda taċċetta li għandha tħallas is-somma ta' Lm8,974.18 fi *premia* (skont l-aħħar

[29] Fol. 840.

verżjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha), filwaqt li tgħid li ma hemm l-ebda lok għal rifużjoni fir-rigward ta’ kummissjonijiet.

**L-Appell tal-Konvenuti:**

16. Kif ingħad iktar ‘il fuq, permezz tar-rikors ta’ appell tagħhom, il-konvenuti ressqu tlett (3) aggravji, fejn tnejn minnhom fis-sustanza jolqtu l-apprezzament ħażin tal-provi, u l-ieħor l-applikazzjoni ħażina tal-liġi.

17. Fir-rigward tal-<u>ewwel aggravju</u>, dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti illi tieħu d-deċiżjoni korretta u tillikwida l-ammont xieraq dovut lil Citadel Insurance plc, għandu jingħad mal-ewwel li sa fejn l-appellanti jilmentaw mill-apprezzament ħażin tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta’ reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m’għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta’ reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma

sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni.

18. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**[30]:

> *"…din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-Ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha*[31]*. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li:*
>
> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*[32]*.""*

19. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tara illi l-ewwel aggravju tal-konvenuti jiffoka dwar il-fatt illi l-Ewwel Qorti straħet għal kollox fuq il-prova ta'

---

[30] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, is-16 ta' Dicembru, 2019.
[31] ***Josephine Agius v. Piju Theuma***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, is-26 ta' Jannar, 2018.
[32] ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat - Prim Ministru et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, l-14 ta' Diċembru, 2018.

Dok. A anness mar-rikors promotur, ix-xhieda ta' Romina Chircop u ta' Edward Grech. Madankollu, fil-fehma tal-konvenuti appellanti, dan ma huwiex biżżejjed għaliex fil-proċess ta' evalwazzjoni ta' provi, l-Ewwel Qorti ma ħaditx konsiderazzjoni: (i) ta' dokumenti mmarkati Dok. RMF u RMG, li suppost jagħtu l-istess informazzjoni bħal Dok. A, iżda dan ma huwiex minnu għaliex hemm diskrepanzi bejniethom tant li l-ammonti ma jaqblux, (ii) ma kkunsidratx il-lista ta' dawk in-nies li Citadel Insurance plc ma rnexxilhiex tikkomunika magħhom hi u tagħmel l-eżerċizzju estensiv tagħha sabiex tistabbilixxi min mill-klijenti tabilħaqq ħallas lil Shield Sevices Limted, (iii) bosta min-nies imniżżla f'Dok. A, li fuqu qed tibbaża l-azzjoni tagħha l-kumpanija attriċi, ma tressqux biex jixhdu jew tal-inqas ġiet eżebita xi dikjarazzjoni ffirmata minnhom, (iv) ma ħaditx konsiderazzjoni ta' dawk in-nies li kienu assikurati direttament ma' Citadel Insurance plc jew ma' sotto-aġenzija oħra, (v) ma kkunsidratx li kien hemm ħafna nies li kienu għadhom ma ħallsux lil Shield Services Limited, (vi) ċertu pagamenti li saru minn Shield Services Limited ma ġewx ikkunsidrati, u (vii) ċertu entrati mniżżla f'Dok. A li huma bla dettalji ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni.

20. Għalhekk, il-konvenuti appellanti jsostnu illi kieku l-Ewwel Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-provi kollha mressqa, hija kienet tasal għal ċifra inqas minn dik hekk likwdata. Fid-dawl tal-qari tar-rikors tal-appell, din il-Qorti tara illi issa jeħtieġ li l-kwistjoni odjerna tiġi eżaminata fid-

dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, billi tgħaddi sabiex tgħarbel il-provi kollha mressqa.

21. Mill-fattispeċji tal-każ in eżami u l-provi mressqa mill-partijiet din il-Qorti tara illi l-provi f'din il-kawża kienu ħafna. Madankollu, u għalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha niżżlet illi rat id-dokumenti kollha u semgħat ix-xhieda, din il-Qorti, wara li evalwat l-istess provi, jirriżultalha illi kien hemm ċertu provi mressqa mill-partijiet li kellhom jingħataw piż sabiex l-Ewwel Qorti setgħet tasal għad-deċiżjoni tagħha.

22. Din il-Qorti tara illi l-provi l-aktar relevanti għal dan l-aggravju huma s-segwenti:

a. **<u>Ix-xhieda ta' Ramon Mizzi in rappreżentanza ta' Citadel Insurance plc</u>**,[33] (12.12.2003) fejn rigward:

i. <u>*Policy holders* illi kienu ħallsu direttament lil Citadel Insurance plc</u>, huwa jikkonferma illi kienu saru żewġ pagamenti: (i) wieħed fil-31 ta' Lulju, 2002 minn Robert Agius fis-somma ta' LM2.90[34], u (ii) l-ieħor fis-6 ta' Awwissu, 2022 minn Mark u Josephine Farrugia fis-somma ta' LM36.25[35], liema pagamenti ma humiex inklużi fit-talba. Għal dan il-għan ix-xhud ippreżenta: (i) ittra *standard* li

[33] Fol. 98.
[34] Fol. 93, 94.
[35] Fol. 95, 96.

huma bagħtu lill-klijenti kif ukoll irċevuta lil Shield Services Limited tal-pagamenti li saru;

ii. Jikkonferma li fir-rigward ta' kummissjonijiet li l-konvenuti jallegaw li jridu jitħallsu tagħhom (Dok. MR3, *a fol.* 88), huwa jgħid li: (i) madwar 4 poloz minnhom ma tkomplewx u b'hekk ma nħarġux, u (ii) l-bqija fejn il-*premia* tħallsu wara t-*termination* tas-*sub-agency*. Għalhekk ebda kummissjonijiet ma huma dovuti lil Shield Services Limited.

b. **Ix-xhieda ta' Ramon Mizzi in rappreżentanza ta' Citadel Insurance plc**,[36] (04.10.2004): Dokumenti *a fol.* 107 – 836 (CIT1 – CIT385) li huma dikjarazzjonijiet ta' klijenti li jikkonfermaw li ħallsu lil Shield Services Limited, kif ukoll irċevuti, *bank statements* u ċekkijiet relattivi;

c. **Ix-xhieda ta' Ramon Mizzi, in rappreżentanza ta' Citadel Insurance Limited**,[37] (31.05.2006) fejn qal illi l-problema bdiet minn Jannar 2002, fejn iċ-Chairman ta' Citadel Insurance plc bagħat ittra lil Mark Randon, datata 24 ta' Jannar, 2002.[38] F'din l-ittra, ġie speċifikat illi *"unless an invoice or debit note is contested in writing by Shield Services within a period of thirty days from*

[36] (mhux fil-proċess).
[37] Fol. 1122.
[38] Fol. 1063.

*receipt of such invoice or debit note, it will be deemed to be correct and payable within the existing credit terms”*. F’Lulju saret it-terminazzjoni tal-kumpanija konvenuta bħala sotto-aġent ta’ Citadel Insurance plc. Intbagħtet ittra minn Ramon Mizzi lil Dr Schembri, datata 11 ta’ Lulju, 2022,[39] u din in korrispondenza għal *fax* datata 10 ta’ Lulju. F’din l-ittra ġie kkomunikat illi “*at the time of writing, the balance due to Citadel from Shield Services Limited stands at Lm64,177.86. It is pertinent to note that the above balance is net of commissions, and that these commissions will only be due once the balances are settled”.*

Ġiet ukoll eżebita ittra mibgħuta minn Dr Schembri għan-nom ta’ Mark Randon, datata 1 ta’ Awwissu 2022,[40] fejn annetta *banker’s draft* fl-ammont ta’ Lm10,000 “*which is on account of any indetended which could be due to you by clients. This brings a total payment to date of Lm43,643.98”*. Ix-xhud jippreżenta ittra datata l-1 ta’ Awwissu, 2002,[41] fejn jqajjem b’mod partikolari żewġ punti, ċjoè: (i) *“we are at a loss as to the significance of the amount of Lm43,643.98 which you state as having been paid to date. Following the termination of the sub agency appointment we have only been in receipt of a payment of Lm12,000 and the above mentioned payment”*, u (ii) *“the list of current debtors forwarded to*

39 Fol. 1065.
40 Fol. 1068.
41 Fol. 1071.

*us by Mr. Randon is a report which for some reason has been extracted as at 17$^{th}$ July 1998 and this is therefore totally unreliable to us for present purposes. We would therefore require a correctly dated aged debt report in order to proceed further on this matter"*. Il-kumpanija konvenuta wieġbet permezz ta' *fax* dakinhar stess,[42] fejn spjegat illi s-somma ta' Lm43,643.98 hija magħmula minn: (i) Lm4,000 imħallsa nhar il-21 ta' Marzu, 2002; (ii) Lm10,000 imħallsa nhar l-24 ta' April, 2002; (iii) Lm12,000 imħallsa nhar it-18 ta' Lulju, 2002; (iv) Lm907.95 imħallsa nhar it-12 ta' Ġunju, 2002; (v) Lm6,736.03 imħallsa nhar id-19 ta' Ġunju, 2002; u (vi) Lm10,000 imħallsa nhar il-31 ta' Lulju, 2002. Min-naħa l-oħra u rigward il-lista tad-debituri, jiġi spjegat illi *"it was a computer system error date and hence that in actual fact the list is compiled as at 17/07/2002"*. Ix-xhud jispjega li ħafna mill-pagamenti msemmija ma kinux relevanti għal l-kwistjoni in eżami għax dawk tħallsu għal poloz oħra. Barra minn hekk u fir-rigward ta' *debtor's list*, din għadha ma ġietx ippreżentata.

Ix-xhud spjega illi l-kumpanija konvenuta ma riditx illi Citadel Insurance plc tagħmel *auditing* tal-*accounting records*, u b'dan kollu ġiet ukoll infurmata Dr Marisa Attard (*email* annessa).[43] Ġiet preżentata parti minn *statement* li tistabbilixxi li sservi bħala *advice*

[42] Fol. 1069.
[43] Fol. 1072.

fejn is-sub-aġent jindika fejn ħa jsir pagament. Din l-i*statement* għandha ħafna notamenti, fejn ħdejn ħafna mill-entrati hemm imniżżel bil-lapes il-frażi *"to pay"*.[44] Jippreżenta ukoll ittra mibgħuta lil Citadel Insurance plc mingħand l-MFSA, datata 8 ta' Ottubru, 2002,[45] fejn intqal *"We note from statements submitted by you to the Authority and following our visit to your company that Shield owes your compay Lm53,834!";*

d. **<u>Kontroeżami ta' Ramon Mizzi in rappreżentanza ta' Citadel Insurance plc</u>**,[46] jispjega illi rigward il-kummissjonijiet, minkejja li s-soċjetà konvenuta tkun għamlet ix-xogħol iżda ma ffinalizzatx il-kuntratt u ġabret il-pagament, appena din is-soċjetà spiċċat, ma baqgħalhiex jedd li tiġbor kummissjoni fuq l-istess polza.

Jispjega li kien ikun hemm problemi ta' *allocation* ta' pagamenti minħabba struzzjonijiet li kien qed jagħti Mark Randon. Jgħid illi l-proċess kollu sabiex jaraw x'kien il-bilanċ dovut lil Citadel Insurance plc, kien għadu ma tlestiex sas-16 ta' Lulju, 2002, u ċjoè sat-terminazzjoni tas-sotto aġent, iżda jikkonferma li kienu bdew trattattivi u eventwalment wara li għadda ż-żmien nħarġet stampa ċara tal-bilanċ kollu li kien hemm. Jiċċara illi Dok. A, anness mar-rikors promotur, jirreferi għal dawk l-*entries* li baqgħu ma ngħatawx

[44] Fol. 1075 – 1109.
[45] Fol. 1110.
[46] Fol. 101, 1270, 1418, 1515, 1901.

ħlasijiet għalihom. Jikkonferma illi sa Jannar 2002, kienu dovuti s-somom ta' Lm8,691.70 flimkien ma' Lm13,815.14, iżda minħabba xi pagamenti li saru, il-bilanċ f'Marzu 2002 niżel għal Lm7,400 – iżda jisħaq li dawn kienu l-*overdue balances* fis-sens *over the credit limit* u b'hekk Shield Services Limited żgur kellha iktar bilanċ dovut minn hekk, u kif ukoll li din kienet sitwazzjoni li kienet dejjem qiegħda tinbidel u ma kinitx għadha finali. Kellu jittieħed ukoll akkont ta' dak ix-xogħol li kien baqa' jiġi pproċessat. Għalhekk bdew jibagħtu ittri lill-klijenti kollha ta' Shield Services Limited li l-pagament tagħhom kien għadu ma ġiex allokat, sabiex jiġi kkonfermat li huma għamlu l-pagament (ossija dawk kollha li jidhru fil-lista annessa mar-rikors promotur). Il-maġġoranza tagħhom wieġbu fl-affermattiv li ħallsu, u mhux iktar minn 10% possibilment mhux iktar minn 5% tagħhom li ma weġbux u b'hekk ma jafux jekk sarx il-pagament min-naħa tagħhom jew le. Jgħid illi l-pagamenti fis-somma ta' Lm22,000 ma setgħux jiġu allokati peress li Mark Random ma tahomx struzzjonijiet ċari fuq l-allokazzjoni tagħhom. Jiftakar illi Mark Randon kien qalilhom illi kellu numru ta' klijenti li qatt ma ħallsuh tal-*premia*, liema allegazzjoni skont ix-xhud ma tagħmilx sens stante illi fir-rigward tal-*motor premia* li huwa l-maġġor parti tal-bilanċ in kwistjoni, il-pagamenti jsiru fil-pront u mhux bi *credit*. Jagħmel referenza għal rapport datat 3 ta' April, 2003 mogħti minn Mark Randon fl-2002 dwar dawk in-nies li

mingħandhom ma ġabarx il-*premia*, liema rapport ma kienx jagħmel sens għall-kumpanija attriċi minħabba d-data tiegħu (peress li qiegħed b'sena 'il quddiem, u ma kienx jagħti stampa ċara ta' dak li kellu jieħu Mark Randon f'Lulju, 2002).[47]

Ippreżenta żewġ *statements* (għal *general business account* immarkat Dok. RMG u *non-motor account* immarkat Dok. RMF): (i) waħda b'bilanċ ta' Lm46,184.49 (*a fol.* 1599 – 1624); (ii) oħra b'bilanċ ta' Lm12,413.61 (*a fol*. 1625 – 1632), li flimkien jammontaw għal Lm58,598.10 u ċioè iktar mit-talba tal-kumpanija attriċi, u dan għaliex kienu saru xi transazzjonijiet sakemm inbdiet il-kawża. Fl-istess *statements* jidhru ukoll l-pagament ta' Lm11,380 li sar fit-18 ta' Lulju, 2022, u ieħor ta' Lm10,000 li sar fil-31 ta' Lulju, 2002. Dawn l-i*statements* jistabbilixxu l-*entries* tax-xoghol kollu li kien ġie proċessat qabel it-terminazzjoni tal-ftehim. Jispjega illi l-ammont f'dawn l-*istatements* huwa finali, u dak li ġie indikat f'Dokument A anness mar-rikors promotur ma kienx finali għaliex kien għad hemm xi ammonti oħra li kienu għadhom ma ttihdux in konsiderazzjoni (fil-fatt: (i) l-aħħar *entry* f'dok. A huwa tal-31 ta' Lulju, 2002, u (ii) fl-i*statements* li pproduċa l-aħħar, l-aħħar *entries* huma 19 ta' Ġunju, 2003 u 31 ta' Marzu, 2005).

[47] Fol. 1566 – 1576.

Barra minn hekk ġew ukoll eżebiti: (i) kopja ta' ċekk għall-pagament ta' Lm14,613 minn Shield Services Limited, [48] (ii) irċevuta maħruġa minn Citadel datat 7 ta' Diċembru, 2001,[49] (iii) kopja ta' *covering letter* minn Pamela Cuschieri indirizzata lil Edward Grech,[50] u (iv) *statement* biex issir l-allokazzjoni relattiva.[51]

Jikkonferma li l-pagamenti tal-*premia* ma kinux kollha jsiru lil Shield Services Limited, imma kienu jsiru ukoll lil Selective Travel u Regina Auto Dealer, u dan għaliex Shield Services Limited għamlet arranġament ma' nies oħra sabiex jaġixxu bħala sotto-aġenti tas-sotto-aġenzija tagħha. Bħala Citadel Insurance plc, ma kellha l-ebda problema dwar dan, għajr għall-fatt illi huma kellhom ikun liċenzjati u awtorizzati.

Fir-rigward tal-kummissjonijiet jgħid illi l-argument tal-attriċi huwa li meta l-flus ma tħallsux lilhom waqt li kien għadu għaddej l-ftehim tas-sotto aġenzija, għalihom Shield Services Limited titlef id-dritt għal dik il-kummissjoni, għaliex il-kummissjoni kellha titħallas fil-perjodu tas-*sub agency agreement*.

[48] Fol. 1635.
[49] Fol. 1634.
[50] Fol. 1636.
[51] Fol. 1637 – 1658.

e. **Ix-xhieda ta' Dr Marisa Attard in rappreżentanza tal-Malta Financial Services Centre**, (18.04.2005), bħala direttur fl-*insurance unit*, fejn ippreżentat numru ta' dokumenti[52], fosthom: (i) ittra mibgħuta minn Citadel Insurance plc lil Mark Randon in rappreżentanza ta' Shield Services Limited, datat 19 ta' Ġunju, 2002, fejn ġie nfurmat illi *"your appointment as a sub-agent for Citadel Insurance plc is being terminated and that the name of Shield Services Limited is being struck off the Company's Sub Agents Register with immediate effect"*, fejn waħda mir-raġunijiet għal din it-terminazzjoni kienet *"the settlement of outstanding balances due to Citadel and despite given ample time to resolve matter, these balances remain outstanding"*, liema ittra ġiet ukoll notifikata lil MFSA;[53] (ii) ittra mibgħuta minn Citadel Insurance plc lil MFSA datata 19 ta' Ġunju, 2002, fejn din tal-aħħar ġiet notifikata li neħħiet lil Shield Services Limited bħala s-sotto aġent tagħha minħabba *"grounds of unfitness and improperness, suspected fraud and dishonesty"*; [54] (iii) *notices* tal-awtorità li permezz tagħhom tinforma lill-pubbliku illi b'effett mill-25 ta' Lulju, 2002, Shield Services Limited m'għadhiex taġixxi bħala sotto-aġent ta' Citadel Insurance plc;[55]

[52] Fol. 839 – 852.
[53] Fol. 840.
[54] Fol. 843.
[55] Fol. 845, 846

Minħabba d-deċiżjoni ta' Citadel Insurance plc, MFSA neħħiet is-sotto aġent mir-reġistru tagħha ukoll. Barra minn hekk tispjega illi l-*inspection team* ta' din il-*unit* partikolari fi ħdan l-MFSA (magħmul minn erbgħa (4) min-nies, ossija Alfred Parnis, Herbert Psaila, Albert Dimech u Tania Causon), irriżultalu illi kien hemm xi ammonti ta' flus li nġabru iżda ma ġewx mgħoddija lil Citadel Insurance plc. Dak li sab l-*inspection unit* ġie mgħarraf lil Mark Randon permezz ta' ittra datata 16 ta' Lulju, 2002,[56] fejn intqal illi : *"reference was made to the last audited accounts of Shiled Services Ltd ("Shield") for the year ended 31 December 2000, in particular to the auditor's report. In the said report, the auditor draws attention to the fact "that included with debtors in the balance sheet is an amount of Lm20,207 which has been classified as director's current account". This appears to indicate that Shield has made use of the amount of Lm20,207 which amount relates to moneys collected from its clients. It has further resulted from the compliance visit held recently by officials of the Insurance Unit that the amount has now increased to LM38,000. At the meeting of the 15$^{th}$ July 2002 you failed to provide the Centre with a plausible explanation"*. Din id-deċiżjoni baqgħet ma nbidlitx u dan minkejja li Mark Randon pprova jiġġustifika l-pożizzjoni ta' Shield Servces Limited, apparti li l-kumpanija ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti lill-

[56] Fol. 847.

MFSA *updated management account* u lanqas *financial statement* tal-2001.

f. **Ix-xhieda ta' Edward Grech**,[57] (01.06.2005), jispjega li qabel kien jaħdem ma' Citadel Insurance plc u dan sa Lulju, 2003. Sakemm kien għadu jaħdem ma' Citadel Insurance huwa kien jokkupa l-kariga ta' *financial controller*, billi jagħmel *supervision* fuq l-*accounts department* filwaqt li kien *in charge* mill-*accounting* u *reporting* tal-kumpanija. Huwa jgħid li kellu kontroll fuq id-debituri kollha tal-kumpanija. Fir-rigward tal-kumpanija konvenuta, huwa jgħid li din kellha *portfolio* tajjeb u kien jieħu gost jaħdem fuq il-kont tal-istess peress li kellu ċertu volum u kien ikun dejjem *up-to-date*. Jgħid li madankollu, għal xi raġuni mhux magħrufa, il-kont ma baqax l-istess minn Ottubru tal-2001. Jispjega li Mark Randon kellu *credit term* ta' tlett (3) xhur, jiġifieri illi meta tinkiseb il-polza tal-assigurazzjoni, il-*premia* dovut fuqha ikun irid jitħallas fi żmien tlett (3) xhur, b'dana li l-irwol tax-xhud kien li jara li l-kontijiet pendenti jsiru kollha skont il-*credit terms*. Minn Ottubru, 2001, is-soċjetà konvenuta ma kinitx qed timxi ma' dawn il-*credit terms* peress li l-pagamenti kienu qed jitħallsu tard jew lanqas biss jitħallsu. Għalhekk, kien offra għajnuna lil Mark Randon sabiex jerġa' jġib il-*portfolio* tiegħu *up-to-date*. Fil-bidu kollox beda jmur sew, hekk kif bdew jagħmlu *reconciliation* ta' ammonti pendenti tant li Mark

[57] Fol. 871.

Randon ħallas xi pagamenti. Madankollu, f'daqqa waħda il-proċess waqaf u ma kienx hemm iktar *feedback* mingħand Mark Randon. Ix-xhud jispjega li għal ħabta ta' Ottubru 2001, Mark Randon kien qallu li l-bilanċ ma setax jitħallas għax kien għadu ma ġabarx il-*premia* mingħand il-klijenti. Però hekk kif Citadel Insurance plc għamlet il-verifiki tagħha dwar dan, irriżulta illi ħafna mill-klijenti kienu ħallsu l-*premia* lil Shield Services Limited, iżda x-xhud ma kienx f'pożizzjoni li jispjega għaliex il-*premia* ma daħlux fil-kont tal-kumpanija. Ix-xhud spjega ukoll illi kull intermedjarju tal-kumpanija, kull xahar, kien jirċievi *statement* tal-ammont li jrid jitħallas, li flimkien magħha tintbagħat ittra bi *breakdown* tal-bilanċ dovut. Fil-każ ta' Mark Randon, kienu saru ħafna *meetings* fejn ġie diskuss il-bilanċ pendenti u dovut lil Citadel Insurance plc. Jgħid li Mark Randon, lejn l-aħħar, kien għamel żewġ *payments on account* (LM10,000 u ta' LM12,000) li għalihom ma tax dettalji ta' liema klijenti kienu qed jitħallsu l-*premia*;

g. **Kontroeżami ta' Edward Grech bħala *financial controller* li kien jaħdem ma' Citadel Insurance plc**,[58] fejn ikkonferma li meta ċċekkjaw mal-klijenti jekk ħallsux il-*premia* jew le, ħafna minnhom ikkonfermaw il-ħlas verbalment u oħrajn bil-miktub. Jispjega li lill-klijenti bagħtulhom ittra li magħha kien hemm mehmuża dikjarazzjoni fejn wieħed kellu jiffirma u jagħti d-dettalji tal-

[58] Fol. 882, 2399.

pagamenti li jkun għamel. Il-biċċa l-kbira tal-klijenti irrispondew lura, filwaqt li kien hemm perċentwali żgħir li ma rrispondewx. Barra minn hekk, kien hemm min ċempel u ta d-dettalji minn fuq it-telefon. Fir-rigward ta' min ħallas bi flus kontanti, kien hemm minnhom li pprovdew irċevuta filwaqt li oħrajn taw dettalji speċifici ta' meta ħallsu sabiex b'hekk Citadel Insurance plc setgħet tagħmel *cross-checking* mad-data meta bdiet il-polza tal-assikurazzjoni. Għalhekk għal kull klijent li ħallas, Citadel Insurance plc għandha dikjarazzjoni tal-klijent innifsu jew *se mai* notament tax-xhud stess dwar il-pagament li jkun sar. Il-persuna li kellha kuntatt dirett mal-klijenti kienet Romina Chircop, fil-kapaċità tagħha ta' *credit controller*.

Jikkonferma illi minkejja x-xogħol ma' Mark Randon ġie tterminat f'Ġunju/Lulju 2002, l-entrati fil-kont tiegħu ma waqfux u dan minħabba xogħol li kien għadu m'għaddiex Mark Randon lill-kumpanija (li jistgħu jkunu *new business, changes cancelled policies etc*). Iżda jgħid li ma jkunx hemm *insurances* ġodda imma korrezzjonijiet jew aġġustamenti fuq poloz ġia miftuħa fiż-żmien li kien għadu jopera Mark Randon.

Barra minn hekk jikkonferma illi għalkemm Dok. A, u Dok. RMF u RMG, suppost huma identiċi għal xulxin, hemm diskrepanza ta'

nofs paġna fejn ċertu *entries* ma jidhrux. Jikkonferma li l-maġġoranza tal-klijenti kienu ppreżentaw irċevuta, kien hemm minnhom li pprovdew in-numru taċ-ċekk u d-data. Jgħid li n-nies kienu jħallsu lil Mark Randon, jew lil Kenneth Genovese, Selective Travel jew Regina Auto Dealer. Kienu ftit dawk in-nies li ma kkomunikawx lura magħhom meta Citadel bagħtet tistaqsihom dwar il-ħlas tagħhom;

h. **Xhieda ta' Romina Chircop**,[59] fejn eżebiet dokument li jistabbilixxi dawn il-klijenti li Citadel Insurance plc ma rnexxilhiex tikkomunika magħhom dwar il-pagamenti tagħhom li flimkien jammontaw għal Lm14,805.34.[60] B'hekk tgħid illi ma hemmx ċertezza jekk dan l-ammont tħallasx lil Mark Randon jew le. Tispjega li l-maġġoranza tan-nies ħallsu lil Mark Randon, wħud oħra lil Kenneth Genovese u wħud oħra li ħallsu lil Regina Autodealer, Selective Travel u oħrajn. Ippreżentat dokument li juri kif ħallsu l-klijenti u lil min (maqsumin: (i) Chevron Dealer fis-somma ta' Lm71.93,[61] (ii) Żejtun u Kenneth Genovese fis-somma ta' Lm11,979.43,[62] (iii) Mark Randon fis-somma ta' 31,832.43,[63] (iv) Regina Auto Dealer fis-somma ta' Lm2,998.77,[64] (v) Selective Travel fis-somma ta' Lm7,288.71,[65] (vi)

[59] Fol. 1935, 2059, 2308, 2349.
[60] Fol. 1928 – 1934.
[61] Fol. 1949.
[62] Fol. 1950 – 1953.
[63] Fol. 1954 – 1961.
[64] Fol. 1962.
[65] Fol. 1963 – 1965.

Ħaż-Żebbuġ fis-somma ta' Lm491.82).[66] Barra minn hekk tgħid li ż-żewġ *statements* ippreżentati minn Ramon Mizzi, huma identiċi għal Dok. A. Tgħid li l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-liċenzja huwa minnu nnifsu prova ta' ħlas, pero' mhux jekk ikun ingħata *credit period* li *se mai* jingħata fir-riskju ta' Mark Randon stess peress li Citadel Insurance pls qatt ma tat awtorizzazzjoni biex dan isir.

Min-naħa l-oħra tgħid li mingħand Mark Randon irċivew l-pagamenti ta' Lm22,000, maqsumin f'żewġ ċekkijiet. Maċ-ċekk tat-Lm12,000, Mark Randon annetta ukoll *allocation request*, iżda kienet sabet diffikultà biex tagħmel dan, għajr għas-somma ta' Lm600 (kien għalhekk li qed jidher il-bilanċ ta' Lm11,380). Tispjega li għalkemm il-ħidma ma' Mark Randon waqfet fl-2002, il-kont tiegħu ma waqafx fl-istess sena, iżda jrid minn tal-inqas sena oħra minħabba ħafna kwistjonijiet.

i. **<u>Ix-xhieda ta' Kenneth Genovese</u>**,[67] (08.02.2006) fejn jispjega li fl-1998 kien jaħdem ma' Shield Services Limited fuq bażi *part-time* bil-*commission*, għalkemm lejn l-aħħar qaleb fuq bażi *full-time*. Jispjega illi fl-aħħar tax-xahar, Mark Randon kien joħroġlu lista tal-flus li kellu jagħtih, ix-xhud kien iżomm il-*commission* u jagħtih il-flus għax-xahrejn ta' qabel. Kellu żewġ *clients' account* ma' Mario

[66] Fol. 1966.
[67] Fol. 1144.

Farrugia, fejn fih kienu jitfgħu l-flus tal-klijenti inkluż ċekkijiet pagabbli lil Shields Services Limited. Jgħid li ħafna min-nies kienu jħallsu immedjatament, u kienet fid-diskrezzjoni tiegħu jekk jagħtix *credit*, u jekk iva, ir-riskju kien ibatih hu. Jispjega illi bħala *premia* kien ivarja bejn Lm5,000 u Lm8,000 fix-xahar. Il-problema kienet illi kellu klijenti kbar li ma kinux iħalsu mill-ewwel;

j. **<u>Ix-xhieda ta' Roderick Grech</u>**,[68] (08.02.2006) fejn jispjega li huwa aġent tal-ivjaġġar tal-aġenzija Selective Travel, fejn kien jinqeda bis-servizzi ta' Mark Randon għall-poloz tal-assikurazzjoni tal-ivvjaġar u dawn għan-nies li kien jsiefru mal-aġenzija tiegħu, kif ukoll tal-karozzi privati tiegħu. Jispjega li huwa kien jaħdem direttament ma' Kenneth Genovese u kien iħallas lil Shield Services Limited permezz ta' ċekkijiet jew *cash*. Ikkonferma li ma għandu l-ebda kont pendenti.

k. **<u>Ix-xhieda ta' Brian Cutajar</u>**,[69] (08.02.2006) fejn jgħid li huwa *dealer* ta' *second hand cars* u kien iqabbad lil Mark Randon biex jieħu ħsieb il-poloz tal-assigurazzjoni tal-klijenti tiegħu, fejn dawn kienu jħallsuh u hu jagħtihom ċ-ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni;

[68] Fol. 1138.
[69] Fol. 1134.

l. **Ix-xhieda ta' Mark Scalpello**, (09.02.2006) fejn jgħid li huwa kien għamel l-*audit* tal-kumpanija Shield Services Limited tas-sena li tagħlaq 31 ta' Diċembru, 2000. Fir-rigward tar-rapport tal-1999, ix-xhud jgħid li ma kellux kumment u jsejjaħlu bħala *"a clean report"*. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aħħar rapport, huwa *"unclean"*, fis-sens illi "*iżjed għandek tagħti milli ddaħħal, pero' li kieku kienu debituri kollha, jiġifieri nies klijenti normali, tara kif ħa tagħmel biex tiġbor il-flus. Peress li kien hemm bilanċ li kien involut direttur stess, ikollna nsemmuh"*. Fil-fatt jgħid illi Mark Randon stess kkonferma li huwa debitur tal-kumpanija Shield Services Limited fis-somma ta' Lm20,000;

m. **Ix-xhieda ta' Jesmond Psaila,**[70] (09.02.2006), fejn jikkonferma li kien l-*accountant* ta' Shield Services Limited bejn is-snin 1998 u 2002. Jikkonferma illi kien hemm *director's current account*, ċjoè kont li fih kienu jitpoġġew jew jittiehdu flus mill-kumpanija mid-direttur f'ismu personali. F'dan il-każ partikolari, ix-xhud jispjega li kien hemm ammont ta' flus (li tela' għas-somma ta' Lm20,000) li d-direttur ġibed jew ħallas spejjeż tiegħu personali, li saru permezz ta' transazzjonijiet differenti. Jikkonferma ukoll li flimkien ma' Mark Scalpello, huma ħadmu fuq 2 settijiet ta' *accounts*, tal-1999 u l-2000.

[70] Fol. 1191.

n. **Ix-xhieda ta' Pamela Cuschieri**,[71] li tgħid li kienet tieħu ħsieb l-affarijiet kollha amministrattivi tal-kumpanija Shield Services Limited, kif ukoll bħala *accounts clerk*. Fir-rigward ta' Citadel Insurance plc jingħad illi "*kienu jibgħatu statements fl-aħħar ta' kull xahar biex jitħallas l-ammont dovut lilhom. Shield Services Limited kellhom credit period ta' tlett xhur, jiġifieri l-flus li jinġabru mingħand il-klijenti, jistgħu jiżammu għal tlett xhur qabel jintbagħtu lil Citadel u jiena kont nirrikonċilja dawk l-ammonti li Citadel qegħdin jgħidu li dovuti lilhom u nara jekk naqbilx bħala ammonti f'kull policy individwali".* Tispjega li fil-maġġoranza tal-każijiet kienet taqbel fir-*reconcilation*. Tgħid ukoll illi l-flus li kienu jinġabru kienu jinqasmu f'żewġ kontijiet: (i) il-*premium account* li bih kienu jitħallsu l-*premia* dovuti lil Citadel, u (ii) il-*commission account* li kien jintuża biex jitħallsu l-ispejjeż kurrenti, pagi u spejjeż oħrajn fit-tmexxija tal-*buisness* kif ukoll għall-ispejjeż personali ta' Mark Randon. Madankollu tgħid li Mark Randon ma kienx jieħu paga. Magħdud ma' dan tikkonferma illi l-klijenti kollha kienu jħallsu, min fil-ħin, min matul il-*credit period*, u kien hemm min ukoll jaqbeż il-*credit period*;

o. **Ix-xhieda ta' Mark Randon**,[72] fejn jispjega illi fl-1998 ħoloq kumpanija bl-isem ta' Shield Services Limited, li kienet sotto-aġent ta' Citadel Insurance plc u b'hekk kienu awtorizzati li jbiegħu poloz

[71] Fol. 1206.
[72] Fol. 3199.

tal-assigurazzjoni f'isem Citadel Insurance plc bil-konsegwenza li jitħallsu *commission*. Il-proċess tax-xogħol kien illi l-ewwel kuntatt tagħhom kien ikun mal-klijent fejn ibiegħu l-polza tal-assigurazzjoni, jimlew il-karti applikabbli, biex imbagħad jgħadduhom lil Citadel Insurance plc sabiex jipproċesawhom. Kull xahar Citadel Insurance plc kienet toħroġ *statement* ta' dak ix-xogħol kollu li nbiegħ, sabiex b'hekk Shield Services Limited tħallas il-bilanċ dovut lil Citadel Insurance plc, għajr il-kummissjonijiet dovuti lilha. Jikkonferma li Shield Services Limited kellha *credit term* ta' tlett (3) xhur. Normalment l-*istatements* ta' Citadel Insurance plc kienu jkunu tajbin, iżda mis-sena 2000 bdew jindunaw li kienu qed isiru żbalji bħal jitolbuhom flus ta' klijenti li Shield Services Limited ma kinitx begħetilhom poloz. Għalhekk bdew jiġbdulhom l-attenzjoni permezz ta' *faxes* u korrispondenza.

Jispjega illi Dok. A anness mar-rikors ġuramentat qatt ma rah, u li skontu hija lista li ġabruha Citadel Insurance plc għaliex bħala dokument ma kienx jirrispjekkja l-i*statement* li kien jirċievi qabel. Jispjega li Dok. A huwa maqsum f'żewġ ammonti: (i) Lm79,528 bħala *premia*, u (ii) Lm17,413 li huma *commissions*,

Rigward:

(i) Il-*commissions*: Din kienet tiġi mnaqqsa mill-ammonti dovuti. Jispjega li l-poloz inbiegħu waqt li huma kellhom il-liċenzja sabiex jaġixxu bħala sotto-aġent ta' Citadel Insurance plc;

(ii) Il-*premia*: Fiż-żmien li ġiet itterminata l-liċenzja tagħhom, Shield Services Limited kellha tiġbor l-ammont ta' Lm40,346 mingħand il-*business accounts*. Però jgħid li meta ġiet itterminata l-liċenzja, Shield Services Limited, legalment, ma kellhiex id-dritt li tiġbor dawn il-*premia* u Citadel Insurance plc qalet li dawn il-*premia* kienet ser tiġborhom hi stess. Għalhekk Shield Services Limited għaddiet lil Citadel Insurance plc kopja tal-i*statement* ta' dan. F'dan is-sens ix-xhud jippreżenta kopja tal-i*statement* kif ukoll irċevuta li dan l-i*statement* inġabar.[73] Fuq mistoqsija tal-Qorti:

> *"Allura inti l-ewwel darba trid toħroġilhom inti dawk ma jkunux jafu biha huma. Il-lista ta' kull xahar jekk jiena ġejt darba minnhom February 2000 u xtrajt polza mingħandek, February 2000 ma tkunx taf biha. Imbagħad February 2001 tgħidlek JA ħallas?; Ix-xhud: Le, le għax aħna li konna nagħmlu biex ngħidu hekk, nimlew l-applikazzjoni, insurance sħiħa, applikazzjoni dik l-applikazzjoni ahna noħduha għand Citadel; L-Imħallef: Qabel ma tirċievu l-ħlas; Ix-xhud: Le, l-klijent ikun ħallasna imma Citadel imbagħad trid toħroġ il-polza hi, aħna ma noħorġux policies. Jiġifieri once li toħroġ il-policy hi toħroġ il-kont ta' dik il-policy minus il-commission"*.

Jispjega li għalhekk jekk wieħed inaqqas mis-somma ta' madwar Lm79,000: (i) l-Lm40,000 li tagħhom kien għadu ma

[73] Fol. 3180 – 3191: Statement maħruġ 5 ta' April, 2003 (għas-somma ta' Lm40,346.10), filwaqt li l-irċevuta hija ffirmata minn Edward Grech nhar is-17 ta' Lulju, 2002.

tħallasx, (ii) it-Lm22,000 li huwa kkonfermat li huwa ħallas, (iii) lista ta' nies li kkonfermaw li huma qatt ma kienu klijenti ta' Citadel Insurance plc u li xtraw polza mingħand Shield Services Limited, li flimkien jammontaw għal Lm5,080.25,[74] (iv) is-somma ta' Lm1,140 f'poloz ta' assigurazzjoni li Shield Services Limited kienet diġà ħallset lil Citadel iżda baqgħu jidhru fl-i*statement*,[75] (v) dawk l-*entries* f'Dok. A minn paġna 22 sa 23 (jibdew minn *entry* 29) hemm numru ta' poloz li Mark Randon qatt ma kien mgħarraf bihom, u li fil-fatt minn l-istess dokument jidher li dawn qatt ma ġew proċessati, li jammontaw għal Lm1,987.62, b'hekk jifdal bilanċ ta' Lm7,973. Shield Services Limited taqbel li din is-somma hija dovuta.

Jgħid li l-klijent kien iħallas malli jagħtuh il-polza; kien hemm min iħallas immedjatament u kien hemm min kien ikollu negozju u kellhom *account* u għalhekk kienu jħallsu skont *statement* li kienet tibgħatilhom Shield Services Limited. Citadel Insurance plc kienet taf b'dan kollu.

---

[74] Ara lista a fol. 3193 – 3195.
[75] Ara fol. 3196 – 3197.

p. **Kontroeżami ta' Mark Randon**, [76] fejn jikkonferma li bħala *shareholders* tal-kumpanija kienu hu flimkien ma' martu, iżda hu kien imexxi l-kumpanija. Jispjega li rriżenja minn direttur tal-kumpanija sabiex ikun eleġibbli għall-għajnuna tal-qagħad. Jispjega li fir-rigward tal-kumpanija Shield Services Limited, l-aħħar *financial statements* ġew *filed* fl-1999 u l-2000, u għalkemm dan kien nuqqas tiegħu, huwa kien informa lill-MFSA ta' dan u r-raġuni għaliex ċjoè nuqqas ta' informazzjoni fi skali jew numerika mingħand Citadel (dokument mhux iffirmat *a fol. 3257*, mibgħut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni). Jikkonferma li kien ilu fil-qasam tal-assigurazzjoni sa mill-1991, u li l-portafol tiegħu ma' Citadel Insurance plc kien wieħed imdaqqas billi kien jiġġenera f'Lm150/170,000 fis-sena fi *premia* u dan minbarra l-attività tal-*life insurances*. Però l-ftehim ma' Citadel Insurance plc qatt ma ġie ffirmat minħabba kundizzjoni ta' *advanced commissions* liema *commissions* ma tħallsux (*faxes* ippreżentati *a fol.* 3258 – 3262, datati 14 ta' Diċembru, 1998 u 6 ta' Frar, 1999 lil Keith Mallia Milanes), madankollu xorta kien hemm xi kundizzjonijiet li kienu qablu dwarhom, b'mod partikolari għall-*commission* u l-*credit term*. Dam jaħdem ma' Citadel Isurance plc għal madwar 4 snin (mitmum fid-19 ta' Ġunju, 2002), u ma qabilx li l-problemi bdew jinqalgħu lejn l-aħħar sitt (6) xhur, iżda jispjega li l-problema ta' żbalji fil-*policies* fl-*istatement* mibgħut minn Citadel lil Shield Services Limited u din

[76] Fol. 3213, 3233, 3272.

il-problema kienet bdiet bil-mod il-mod iżda kibret sew fl-2002. Dawn l-iżbalji qatt ma tranġaw u għalhekk il-problema bdiet teskala, u dan minkejja li kienu jibagħtu lil Citadel dwar din il-problema kull xahar. Jikkonferma li Dok. A jinkludi paġna u nofs ta' *debit notes* li jirrisalu qabel l-2002 (jibdew minn paġna numru 24).

Jispjega illi meta kien jagħti *credit term* lill-klijent, kien hemm każijiet minnhom li kien jinforma lil Citadel Insurance plc peress li l-*premia* kienu jkunu għoljin. Meta daħlet fil-kwistjoni l-MFSA, ix-xhud jgħid li din tal-aħħar kellha informazzjoni żbaljata mingħand Citadel u dan ġie stabbilit wara li l-MFSA fittxet il-*computers* ta' Shield Services Limited u d-dokumenti *hard copies*. Madankollu jaf li Shield Services Limited kienet sospiża għal madwar sentejn milli topera l-liċenzja tagħha ta' sotto-aġent.

Fir-rigward ta' Kenneth Genovese dan ma kienx intermedjarju iżda kien jopera l-*branch* taż-Żejtun u l-intermedjarji li kien hemm kien introduċihom hu, li huma Selective Travel u Regina Auto Dealer. Ta' dawn, ic-Citadel Insurance plc kienet infurmata. Minkejja l-fatt li dawn ma kinux awtorizzati, kulħadd kien jaf bis-sitwazzjoni, inkluż Citadel Insurance plc, u kien hemm il-ħsieb li kollox isir formali (suppost għandu korrispondenza, a fol. 3263, datata 13 ta' Mejju 2002).

q. **Dokumenti:** (i) Ittra u *statements* ta' Citadel Insurance plc, kif ukoll ċekk ta' Lm2,259.93 datata 15 ta' Jannar, 2002;[77] (ii) Sensiela ta' ittri u *emails* bejn il-partijiet;[78] (iii) *Statements* ta' Shield Services Limited, għall-perjodu bejn id-29 ta' Jannar 1999 u l-15 ta' Lulju, 2002, b'bilanċ ta' Lm12,795.02; (iv) Ittra mibgħuta minn Joseph Tabone in rappreżentanza ta' Citadel Insurance plc lil Mark Randon datata 29 ta' Jannar, 2002,[79] bħala tweġiba għall-ittra ta' Randon tal-25 ta' Jannar, 2002 – fejn jidher li l-bilanċ kien ta' Lm8,691.70, apparti kull ammont ieħor dovut minħabba xi disa' poloz tal-assigurazzjoni oħra, u Lm13,815.14 (*premia* ta' Ottubru); (iv) *Email* mingħand Ramon Mizzi lil Mark Randon datata 20 ta' Marzu, 2002,[80] fejn qallu li l-bilanċ dovut lil Citadel Insurance Ltd. huwa dak ta' Lm7,400; (v) Kopja ta' ċekk ta' Lm12,000 mingħand Shield Services Limited u rċevuta li Citadel Insurance plc irċeviet ċekk ta' Lm12,000 mingħand Shield Services plc nhar is-17 ta' Lulju, 2002;[81] u (vi) Form K li tistabbilixxi li Mark Randon ma baqax direttur tal-kumpanija Shield Services Limited b'effett mill-14 ta' Ottubru, 2010.[82]

---

[77] Fol. 1222, 1272 - 1289

[78] Fol. 1290 – 1292.

[79] Fol. 1325.

[80] Fol. 1328.

[81] Fol. 1859.

[82] Fol. 3212.

23. Wara li rat il-provi kollha, din il-Qorti tara illi għalkemm l-Ewwel Qorti rat numru ta' dokumenti u xhieda, għal raġuni mhux magħrufa, fid-deċiżjoni tagħha, hija xorta waħda għażlet li tinjorahom bil-konsegwenza li ma waslitx għal-likwidazzjoni ta' ċifra ġusta. Barra minn hekk, jidher ukoll illi l-Ewwel Qorti injorat għal kollox ix-xhieda, id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni relattiva li Citadel Insurance plc ġabret mingħand il-kljenti ta' Shield Services Limited fl-eżerċizzju estensiv li hija wettqet wara li ntemm il-ftehim ta' sotto-aġenzija.

24. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tara li fl-ewwel lok għandu jiġi osservat illi ċ-ċifra pretiża mill-kumpanija attriċi qatt ma kienet konsistenti. Fil-fatt jidher illi Citadel Insurance plc:

a. Fit-30 ta' Ottubru, 2002, ippreżentat mar-rikors maħluf tagħha Dok. A, fejn is-somma pretiża minnha fi *premia* kienet ta' **Lm79,528.05**, li fil-kontroeżami ta' Ramon Mizzi ġie kkonfermat illi minkejja li din iċ-ċifra ġiet indikata u kkorraborata permezz ta' dokument anness maċ-ċitazzjoni tal-kumpanija, din is-somma ma kinitx finali;

b. Fit-30 ta' Mejju, 2007, ġew ippreżentati żewġ *statements* immarkati Dok. RMF u RMG, fejn is-somma pretiża fi *premia* kienet dik ta' **Lm58,598.10**, li fil-kontroeżami ta' Ramon Mizzi ġie kkonfermat li

din kienet is-somma finali peress li l-eżerċizzju fuq il-*portfolio* ta' Shield Services Limited spiċċa bejn l-2003 u l-2005;

c. Fil-25 ta' Ġunju, 2008, ġew ippreżentati numru ta' dokumenti li jistabbilixxu lil min sar il-ħlas tal-poloz, ċjoè lil: (i) Chevron Dealer, (ii) Kenneth Genovese – Żejtun Branch, (iii) Mark Randon – Birkirkara Branch, (iv) Regina Auto Dealer, (v) Selective Travel Agency, u (vi) Żebbuġ Branch, li flimkien kienu jammontaw għal ħlas ta' **Lm54,663.09**.

